SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

18 ta' Diċembru 2025*

"Appell – Politika komuni fil-qasam tal-ażil u tal-immigrazzjoni – Regolament (UE) 2016/1624 – Ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea – Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta – Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) – Obbligi tal-Frontex marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – Operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinata mill-Frontex – Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Frontex – Rabta kawżali bejn il-ksur ta' tali obbligi u d-dannu mġarrab"

Fil-Kawża C-679/23 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2023,

WS,

WT,

WY,

WZ,

YA,

YB,

irrappreżentati minn L.-M. Komp, A. M. van Eik, advocaten, u E. Sharpston, BL,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), irrappreżentata inizjalment minn H. Caniard, R.-A. Popa u C. Rueger, bħala aġenti, sussegwentement minn H. Caniard, C. Carroll u R.-A. Popa, bħala aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

komposta minn K. Lenaerts, President, T. von Danwitz, Viċi President, F. Biltgen, K. Jürimäe, L. Arastey Sahún, I. Ziemele, J. Passer, O. Spineanu-Matei (Relatriċi), Presidenti ta' Awla, S. Rodin, D. Gratsias, M. Gavalec, Z. Csehi u B. Smulders, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-4 ta' Frar 2025,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, WS *et* qegħdin jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Settembru 2023, WS *et* vs Frontex (T-600/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2023:492), li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet ir-rikors tagħhom għall-kumpens tad-danni li huma allegatament ġarrbu minħabba li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) naqqset mill-obbligi tagħha taħt, l-ewwel nett, ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU 2016, L 251, p. 1), it-tieni nett, l-istadji 1 sa 5 tal-proċedura operattiva standard tal-Frontex maħsuba sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-operazzjonijiet konġunti u l-proġetti pilota mmexxija minn din l-aġenzija (iktar 'il quddiem il-"proċedura operattiva standard") u, it-tielet nett, l-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Operazzjonijiet Konġunti ta' Ritorn ikkoordinati mill-Frontex (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi ta' Kondotta tal-Frontex").

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Ir-Regolament 2016/1624

2 Ir-Regolament 2016/1624 tħassar bir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU 2019, L 295, p. 1), b'effett mit-3 ta' Diċembru 2019, ħlief l-Artikoli 20, 30 u 31 tar-Regolament 2016/1624, li tħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, fid-dawl tad-dati li fihom ġraw il-fatti tal-kawża, dan ir-regolament tal-aħħar jibqa' japplika *ratione temporis* għal din il-kawża.

3 Ir-Regolament 2016/1624 kien jinkludi, b'mod partikolari, il-premessi li ġejjin:

"[…]

(6) Il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri għandha tiġi implimentata bħala responsabbiltà kondiviża [tal-Frontex] u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż gwardji tal-kosta sal-punt li jwettqu operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri marittimi u kwalunkwe kompitu ieħor ta' kontroll tal-fruntieri. Filwaqt li r-responsabbiltà primarja għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħhom tibqa' tal-Istati Membri, fl-interess tagħhom u fl-interess tal-Istati Membri kollha, [il-Frontex] għandha tappoġġa l-applikazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni [Ewropea] li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni billi ssaħħaħ, tivvaluta u tikkoordina l-azzjonijiet tal-Istati Membri li jimplimentaw dawk il-miżuri.

[…]

(14) Il-kompiti u l-kompetenza estiżi [tal-Frontex] għandhom ikunu bbilanċjati b'salvagwardji msaħħa tad-drittijiet fundamentali u aktar responsabbiltà.

[…]

(16) [Il-Frontex] tiddependi fuq il-kooperazzjoni tal-Istati Membri biex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. F'dan ir-rigward, huwa importanti [għall-Frontex] u l-Istati Membri li jaġixxu *in bona fede* u li jiskambjaw informazzjoni preċiża fil-ħin. […]

[…]

(32) Fil-15 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill Ewropew talab tkabbir tal-mandat tal-Frontex dwar ir-ritorn, biex jiġi inkluż id-dritt li jiġu organizzati operazzjonijiet konġunti ta' ritorn fuq l-inizjattiva proprja […].

(33) [Il-Frontex] għandha żżid l-assistenza tagħha lill-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, soġġett għall-politika ta' ritorn tal-Unjoni u f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98)]. B'mod partikolari, din għandha tikkoordina u torganizza operazzjonijiet ta' ritorn minn Stat Membru wieħed jew aktar u torganizza u twettaq interventi ta' ritorn sabiex issaħħaħ is-sistemi ta' ritorn ta' Stati Membri li jeħtieġu aktar assistenza teknika u operazzjonali biex jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jirritornaw ċittadini minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva.

(34) [Il-Frontex] għandha, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tipprovdi l-assistenza meħtieġa lill-Istati Membri fl-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn u interventi ta' ritorn ta' persuni rimpatrijati. M'għandhiex tidħol fil-mertu tad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa mill-Istati Membri. […]

[…]

(36) L-eżistenza potenzjali ta' ftehim bejn Stat Membru u stat terz ma tistax teħles [lill-Frontex] jew l-Istati Membri mill-obbligi tagħhom li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni jew internazzjonali, b'mod partikolari l-ħarsien tal-prinċipju tan-*non-refoulement*.

(37) [Il-Frontex] għandha tistabbilixxi gruppi ta' spetturi ta' skorti tar-ritorn imġiegħel u speċjalisti tar-ritorn li jkunu disponibbli mill-Istati Membri, li għandhom jiġu stazzjonati matul operazzjonijiet ta' ritorn u li għandhom jifformaw parti mit-timijiet Ewropej ta' intervent ta' ritorn magħmula apposta u li jiġu stazzjonati f'interventi ta' ritorn. Il-gruppi għandhom jinkludu persunal b'għarfien espert speċifiku fil-protezzjoni tat-tfal. [Il-Frontex] għandha tagħtihom it-taħriġ meħtieġ.

[…]

(39) Għandu jsir provvediment speċjali għall-membri tal-persunal involuti f'attivitajiet relatati mar-ritorn biex jispeċifikaw il-kompiti, il-poteri u r-responsabbiltajiet tagħhom. […]

[…]

(47) Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li tinkludi ['l-Frontex] u l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż il-gwardji tal-kosta sal-punt li jwettqu kompiti ta' kontroll tal-fruntieri, għandha twettaq il-kompiti tagħha b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta'), il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, [iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950,] id-dritt internazzjonali applikabbli, inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal [adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-20 ta' Novembru 1989 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1577, p. 3) u li daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Settembru 1990], il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa [adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-18 ta' Diċembru 1979 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1249, Nru I-20378, p. 13) u li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Settembru 1981], il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati (iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 [Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)], li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954 u ssupplimentata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967 u li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967) u l-obbligi relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement* […]

(48) Minħabba ż-żieda fil-għadd tal-kompiti tagħha, [il-Frontex] għandha tiżviluppa ulterjorment u timplimenta strateġija biex tissorvelja u tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Għal dak il-għan għandha tipprovdi lill-uffiċjal tagħha għad-drittijiet fundamentali b'riżorsi u persunal adegwati li jikkorrispondu għall-mandat u d-daqs tagħha. L-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha neċessarja biex iwettaq il-kompiti tiegħu. [Il-Frontex] għandha tuża r-rwol tagħha biex tippromwovi b'mod attiv l-applikazzjoni tal-acquis tal-Unjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, inkluż fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni internazzjonali.

[…]

(50) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi [mekkaniżmu ta' trattament tal-ilmenti] [għall-Frontex] b'kooperazzjoni mal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, biex jisalvagwardja l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha [tal-Frontex]. Dan għandu jkun mekkaniżmu amministrattiv li permezz tiegħu l-uffiċjal għad-drittijiet

> fundamentali għandu jkun responsabbli biex jimmaniġġa l-ilmenti rċevuti [mill-Frontex] skont il-dritt għal amministrazzjoni tajba. L-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għandu jirrevedi l-ammissibbiltà ta' lment, jirreġistra l-ilmenti ammissibbli, jibgħat l-ilmenti rreġistrati kollha lid-direttur eżekuttiv, jibgħat l-ilmenti li jikkonċernaw lil membri tat-timijiet lill-Istat Membru ta' oriġini, u jirreġistra s-segwitu [mill-Frontex] jew dak l-Istat Membru. Il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkun effettiv, u jiżgura li l-ilmenti jkunu segwiti kif xieraq. Il-mekkaniżmu tal-ilmenti għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-aċċess għal rimedji amministrattivi u ġudizzjarji u ma jikkostitwixxix rekwiżit biex jinstabu tali rimedji. […]
>
> […]"

4 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li jmiss:

[…]

(4) 'timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta' tfisser timijiet ta' gwardji tal-fruntiera u tal-kosta u persunal rilevanti ieħor minn Stati Membri parteċipanti, inklużi gwardji tal-fruntiera u persunal rilevanti ieħor li huma ssekondati bħala esperti nazzjonali mill-Istati Membri [lill-Frontex], li jiġu stazzjonati matul operazzjonijiet konġunti, interventi rapidi fil-fruntiera kif ukoll fil-qafas ta' timijiet ta' appoġġ ta' ġestjoni tal-migrazzjoni;

(5) 'Stat Membru ospitanti' tfisser Stat Membru li fih isiru operazzjoni konġunta jew intervent rapidu fil-fruntieri, operazzjoni ta' ritorn jew intervent ta' ritorn, jew minfejn titnied, jew fejn jiġi stazzjonat tim ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni;

(6) 'Stat Membru ta' oriġini' tfisser l-Istat Membru li tiegħu membru ta' tim Ewropew ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jkun gwardja tal-fruntiera jew membru ieħor tal-persunal rilevanti;

[…]

(8) 'membru tat-timijiet' tfisser membru tat-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jew timijiet ta' persunal involut f'kompiti relatati mar-ritorn li jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' ritorn jew interventi ta' ritorn;

[…]

(11) 'ritorn' tfisser ritorn kif definit fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115/KE;

(12) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja jew att li jgħidu jew jiddikjaraw li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz huwa illegali u li jimponu jew jiddikjaraw l-obbligu ta' ritorn li jirrispetta d-Direttiva 2008/115/KE;

(13) 'persuna rimpatrijata' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li hu s-soġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru;

(14) 'operazzjoni ta' ritorn' tfisser operazzjoni li tkun ikkoordinata [mill-Frontex] u tinvolvi tisħiħ tekniku u operazzjonali li jiġi pprovdut minn Stat Membru wieħed jew aktar li fiha persuni rimpatrijati minn Stat Membru wieħed jew aktar jiġu rritornati fuq bażi furzata jew fuq bażi volontarja;

(15) 'intervent ta' ritorn' tfisser attività [tal-Frontex] li tipprovdi lill-Istati Membri b'assistenza teknika u operazzjonali msaħħa u li tikkonsisti fl-istazzjonament ta' timijiet Ewropej ta' intervent ta' ritorn fl-Istati Membri u l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn;

[…]"

5 L-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, intitolat " Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta", kien jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"[Il-Frontex] u l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż il-gwardji tal-kosta sal-punt li jwettqu l-kompiti ta' kontroll tal-fruntieri, jikkostitwixxu l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta."

6 L-Artikolu 4 tal-istess regolament, intitolat "Ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri", kien jipprevedi:

"Il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri għandha tikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

[…]

(h) ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-soġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn finali maħruġa minn Stat Membru;

[…]"

7 L-Artikolu 5 tar-Regolament 2016/1624, intitolat "Responsabbiltà kondiviża", kien jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha timplimenta l-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri bħala responsabbiltà kondiviża bejn [il-Frontex] u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri […]

[…]

3. [Il-Frontex] għandha tappoġġa l-applikazzjoni ta' miżuri tal-Unjoni relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni permezz tat-tisħiħ, il-valutazzjoni u l-koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, u fir-ritorn."

8 Skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dmir ta' kooperazzjoni in bona fede":

"[Il-Frontex] u l-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri u r-ritorn […] għandhom ikunu soġġetti għal obbligu ta' kooperazzjoni in bona fede, u obbligu li jiskambjaw l-informazzjoni."

9 L-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament, intitolat "Azzjonijiet [mill-Frontex]", kien jipprevedi:

"1. Stat Membru jista' jitlob l-assistenza [tal-Frontex] fl-implimentazzjoni tal-obbligi tiegħu fir-rigward tal-kontroll fuq il-fruntieri esterni. [Il-Frontex] għandha twettaq ukoll miżuri f'konformità mal-Artikolu 19.

2. [Il-Frontex] għandha torganizza l-assistenza teknika u operazzjonali xierqa għall-Istat Membru ospitanti u tista', filwaqt li taġixxi f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u l-liġi internazzjonali rilevanti, inkluż il-prinċipju tan-non-refoulement, tieħu waħda jew aktar mill-miżuri li ġejjin:

(a) tikkoordina operazzjonijiet konġunti għal Stat Membru wieħed jew aktar u tistazzjona t-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta;

[…]"

10 L-Artikolu 22 tal-istess regolament kien jipprovdi:

"1. [Il-Frontex] għandha tiżgura l-implimentazzjoni operazzjonali tal-aspetti organizzazzjonali kollha tal-operazzjonijiet konġunti, proġetti pilota jew interventi rapidi fil-fruntiera, inkluż il-preżenza ta' membri tal-persunal [tal-Frontex].

[…]

3. L-uffiċjal ta' koordinazzjoni għandu jaġixxi f'isem [il-Frontex] fl-aspetti kollha tal-istazzjonament tat-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta. Ir-rwol tal-uffiċjali ta' koordinazzjoni għandu jkun li jrawwem il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri ospitanti u parteċipanti. B'mod partikulari, l-uffiċjal ta' koordinazzjoni għandu:

[…]

(b) jissorvelja l-implimentazzjoni korretta tal-pjan operazzjonali, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u jirrapporta [lill-Frontex] dwar dan;

[…]"

11 L-Artikolu 25 tar-Regolament 2016/1624, intitolat "Sospensjoni jew terminazzjoni tal-attivitajiet", kien jipprevedi, fil-paragrafi 1, 3 u 4 tiegħu:

"1. Id-direttur eżekuttiv għandu jtemm l-attivitajiet [tal-Frontex] jekk il-kundizzjonijiet biex jitwettqu dawk l-attivitajiet ma jibqgħux issodisfati. Id-direttur eżekuttiv għandu jinforma lill-Istat Membru kkonċernat qabel tali terminazzjoni.

[…]

3. Id-direttur eżekuttiv jista', wara li jinforma lill-Istati Membri kkonċernati, jirtira l-finanzjament ta' attività jew jissospendih jew itemmu jekk il-pjan operazzjonali ma jiġix rispettat mill-Istat Membru ospitanti.

4. Id-direttur eżekuttiv, wara li jikkonsulta l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u jinforma lill-Istat Membru kkonċernat, għandu jirtira l-finanzjament ta' operazzjoni konġunta, jew ta'

intervent rapidu fil-fruntiera, proġett pilota, l-istazzjonament ta' tim ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, operazzjoni ta' ritorn, intervent ta' ritorn jew arranġament ta' ħidma jew jissospendi jew itemm, kompletament jew parzjalment tali attivitajiet, jekk huwa jew hija jqis/tqis li hemm ksur ta' drittijiet fundamentali jew tal-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali li huma ta' natura gravi jew li x'aktarx jippersistu. Id-direttur eżekuttiv għandu jinforma lill-bord amministrattiv b'tali deċiżjoni."

12 L-Artikolu 26 ta' dan ir-regolament, intitolat "Evalwazzjoni tal-attivitajiet", kien jipprovdi:

"Id-direttur eżekuttiv għandu jevalwa r-riżultati tal-operazzjonijiet konġunti u l-interventi rapidi fil-fruntiera, il-proġetti pilota, l-istazzjonamenti ta' timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u l-kooperazzjoni operazzjonali ma' pajjiżi terzi. Huwa jew hija għandu/ha jibgħat/tibgħat ir-rapporti dettaljati tal-evalwazzjoni fi żmien 60 jum wara t-tmiem ta' dawk l-attivitajiet lill-bord amministrattiv flimkien mal-osservazzjonijiet tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali. Id-direttur eżekuttiv għandu jagħmel analiżi komparattiva u komprensiva ta' dawk ir-riżultati bl-iskop li tittejjeb il-kwalità, il-koerenza u l-effettività tal-attivitajiet futuri, u għandu jinkludi dik l-analiżi fir-rapport ta' attività annwali [tal-Frontex]."

13 L-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, intitolat "Ritorn", kien jipprevedi:

"1. [Il-Frontex] għandha, fir-rigward tar-ritorn,, u skont ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġenerali mal-liġi tal-Unjoni kif ukoll għad-dritt internazzjonali, inkluża l-protezzjoni tar-refuġjati u d-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari:

(a) jikkoordina fuq livell tekniku u operazzjonali attivitajiet relatati mar-ritorn tal-Istati Membri, fosthom it-tluq volontarju, sabiex tinħoloq sistema integrata ta' ġestjoni tar-ritorn bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;

(b) jagħti assistenza teknika u operazzjonali lill-Istati Membri li jiltaqgħu ma' sfidi partikolari fir-rigward tas-sistemi ta' ritorn tagħhom;

[…]

2. L-assistenza teknika u operazzjonali msemmija f'punt (b) ta' paragrafu 1 għandha tinkludi attivitajiet biex tgħin lill-Istati Membri jwettqu proċeduri ta' ritorn mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti billi jipprovdu, b'mod partikolari:

(a) servizzi ta' interpretazzjoni;

[…]

(c) pariri dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' proċeduri ta' ritorn f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE;

(d) pariri u assistenza, f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE u d-dritt internazzjonali, dwar il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' persuni rimpatrijati għal skopijiet ta' ritorn u jevitaw li dawn il-persuni milli jaħarbu.

[…]"

14 L-Artikolu 28 tal-imsemmi regolament, intitolat "Operazzjonijiet ta' ritorn", kien jipprovdi:

"1. Mingħajr ma toqgħod tidħol fil-mertu tad-deċiżjonijiet ta' ritorn u skont mad-Direttiva 2008/115/KE, [il-Frontex] għandha tipprovdi l-assistenza meħtieġa u, fuq it-talba ta' wieħed jew bosta Stati Membri parteċipanti, tiżgura l-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' ritorn, inkluż permezz tal-kiri ta' inġenji tal-ajru għall-fini tali operazzjonijiet. [Il-Frontex] tista', fuq inizjattiva proprja, tipproponi lill-Istati Membri biex jikkoordinaw jew jorganizzaw operazzjonijiet ta' ritorn.

2. L-Istati Membri għandhom fuq bażi ta' kull xahar jinformaw [lill-Frontex] dwar l-ippjanar indikattiv tan-numru ta' dawk li jirritornaw u tal-pajjiżi terzi ta' ritorn, it-tnejn fir-rigward tal-operazzjonijiet nazzjonali rilevanti ta' ritorn, u dwar il-ħtiġijiet tagħhom għal assistenza jew koordinazzjoni [mill-Frontex]. [Il-Frontex] għandha tfassal pjan operazzjonali kontinwu sabiex tipprovdi lill-Istati Membri li jagħmlu t-talba bit-tisħiħ operazzjonali meħtieġ, inkluż permezz ta' tagħmir tekniku. […]

[…]

8. Id-direttur eżekuttiv għandu jevalwa r-riżultati tal-operazzjonijiet ta' ritorn. Kull sitt xhur, huwa jew hija għandu/ha jittrasmett/tittrasmetti rapport ta' evalwazzjoni dettaljat li jkopri l-operazzjonijiet kollha ta' ritorn mwettqa matul is-semestru preċedenti lill-bord amministrattiv, flimkien mal-osservazzjonijiet tal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali. Id-direttur eżekuttiv għandu jagħmel analiżi komparattiva u komprensiva ta' dawk ir-riżultati bl-iskop li tittejjeb il-kwalità, il-koerenza u l-effettività tal-operazzjonijiet ta' ritorn futuri. Id-direttur eżekuttiv għandu jinkludi dik l-analiżi fir-rapport tiegħu ta' attività annwali [tal-Frontex].

[…]"

15 L-Artikolu 34 tal-istess regolament, intitolat "Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u strateġija għad-drittijiet fundamentali", kien ifformulat kif ġej:

"1. Il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fit-twettiq tal-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament skont id-dritt rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Karta, id-dritt internazzjonali rilevanti inkluża l-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, il-Protokoll tal-1967 tagħha u l-obbligi relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' *non-refoulement*.

Għal dak il-għan, [il-Frontex] għandha tfassal, tiżviluppa ulterjorment u timplimenta strateġija għad-drittijiet fundamentali, inkluż mekkaniżmu effettiv għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha [tagħha].

2. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tiżgura li l-ebda persuna ma tkun żbarkata fi, imġiegħla tidħol, imwassla, jew b'xi mod mgħoddija jew ritornata, lill-awtoritajiet ta' pajjiż f'kontravenzjoni tal-prinċipju ta' *non-refoulement*, jew li minnu hemm riskju ta' espulsjoni jew ritorn lejn pajjiż ieħor f'kontravenzjoni ta' dak il-prinċipju.

3. Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tqis il-ħtiġijiet speċjali tat-tfal, il-minorenni mhux akkumpanjati, il-persuni b'diżabilità, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, il-persuni li jeħtieġu assistenza medika, persuni li jkunu jeħtieġu

protezzjoni internazzjonali, persuni f'diffikultà fuq il-baħar u persuni oħrajn f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli.

[…]"

16 L-Artikolu 35 tar-Regolament 2016/1624, intitolat "Kodiċijiet ta' kondotta", kien jipprevedi:

"[…]

2. [Il-Frontex] għandha, f'kooperazzjoni mal-forum konsultattiv, tfassal u tiżviluppa ulterjorment l-kodiċi ta' kondotta għar-ritorn ta' persuni rimpatrijati, li għandu japplika matul l-operazzjonijiet kollha ta' ritorn u interventi ta' ritorn li jiġu kkoordinati jew organizzati [minnha]. Dak il-kodiċi ta' kondotta għandu jiddeskrivi proċeduri standardizzati komuni għas-simplifikazzjoni tal-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn u interventi ta' ritorn, u jiżgura ritorn b'mod uman u b'ħarsien sħiħ tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipji tad-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u ta' trattament jew kastig inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u n-nondiskriminazzjoni.

3. Il-kodiċi ta' kondotta [tal-Frontex] għar-ritorn għandu jagħti attenzjoni partikolari lill-obbligu li l-Istati Membri jipprevedu sistema effettiva ta' monitoraġġ tar-ritorn furzat kif stabbilit fl-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2008/115/KE u lill-istrateġija għad-drittijiet fundamentali."

17 L-Artikolu 42 ta' dan ir-regolament, intitolat "Responsabbiltà ċivili", kien jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Fejn il-membri tat-timijiet joperaw fi Stat Membru ospitanti, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu għal kwalunkwe ħsara kkawżata minnhom waqt l-operazzjonijiet tagħhom.

2. Fejn tali ħsara tinħoloq minn traskuraġni gravi jew imġiba ħażina volontarja, l-Istat Membru ospitanti jista' jkellem lill-Istat Membru ta' oriġini sabiex kwalunkwe somma li jkun ħallas lill-vittmi jew lill-persuni intitolati f'isimhom tiġi rimborżata mill-Istat Membru ta' oriġini."

18 L-Artikolu 60 tal-imsemmi regolament, intitolat "Responsabbiltà", kien jipprevedi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, [il-Frontex] għandha, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkawżat mid-dipartimenti tagħha jew mill-persunal tagħha fil-kors tat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom."

19 Skont l-Artikolu 71 tal-istess regolament, intitolat "Uffiċjal għad-drittijiet fundamentali":

"1. L-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali-għandu jinħatar mill-bord amministrattiv. Huwa jew hija għandu/għandha jkollha l-kompiti li jikkontribwixxu għall-istrateġija dwar id-drittijiet fundamentali [tal-Frontex], jissorvelja l-osservanza tagħha tad-drittijiet fundamentali u jippromwovi r-rispett tagħha għad-drittijiet fundamentali. […]

[…]

3. L-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għandu jiġi kkonsultat dwar il-pjanijiet operazzjonali mfassla skont l-Artikoli 16, 17 u 28 u l-Artikolu 33(4). Hu jew hija għandu/għandha jkollu/jkollha

aċċess għall-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, b'rabta mal-attivitajiet kollha [tal-Frontex]."

20 L-Artikolu 72 tar-Regolament 2016/1624, intitolat "Mekkaniżmu tal-ilmenti" [Mekkaniżmu ta' trattament tal-ilmenti], kien jipprevedi:

"1. [Il-Frontex] għandha, f'kooperazzjoni mal-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali, tieħu l-miżuri meħtieġa biex toħloq mekkaniżmu tal-ilmenti skont dan l-Artikolu biex timmonitorja u tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha [tal-Frontex].

2. Kwalunkwe persuna li tkun direttament affettwata mill-azzjonijiet tal-persunal involut f'operazzjoni konġunta, proġett pilota, intervent rapidu fil-fruntiera, stazzjonament ta' timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, operazzjoni ta' ritorn jew intervent ta' ritorn u li tqis lilha nnifisha li kienet s-soġġett ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tagħha minħabba dawk l-azzjonijiet, jew kwalunkwe parti li tirrappreżenta lil tali persuna, tista' tressaq ilment bil-miktub, [lill-Frontex].

[…]

4. L-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għandu jkun responsabbli mill-indirizzar tal-ilmenti li jaslu għand [il-Frontex] skont id-dritt għal amministrazzjoni tajba. Għal dan il-għan, l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali għandu jirrevedi l-ammissibbiltà ta' lment, jirreġistra l-ilmenti ammissibbli, jibgħat l-ilmenti rreġistrati kollha lid-direttur eżekuttiv, jibgħat l-ilmenti li jikkonċernaw lil membri tat-timijiet lill-Istat Membru ta' oriġini, jinforma lill-awtorità relevanti jew lill-korp kompetenti għad-drittijiet fundamentali fi Stat Membru, u jirreġistra u jiżgura s-segwitu [mill-Frontex] jew minn dak l-Istat Membru.

[…]

10. […]

[Il-Frontex] għandha tiżgura li l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tat-tressiq ta' lment u l-proċedura għal dan tkun disponibbli faċilment, inkluż għall-persuni vulnerabbli. Il-formola tal-ilmenti standardizzata għandha tkun disponibbli fis-sit web [tal-Frontex] u f'verżjoni stampata waqt l-attivitajiet kollha [tal-Frontex], bil-lingwi li ċ-ċittadini ta' pajjiż terz jifhmu jew li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jifhmu. L-ilmenti għandhom jiġu eżaminati mill-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali anke meta ma jiġux depożitati fil-formola tal-ilment standardizzata.

[…]"

B. Id-Direttiva 2008/115

21 L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Deċiżjoni ta' ritorn", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5."

22 L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, intitolat "Tneħħija ", jipprovdi, fil-paragrafu 6 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jipprovdu sistema ta' monitoraġġ effettiva dwar ir-ritorn infurzat."

23 L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Forma", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Deċiżjonijiet ta' ritorn […] għandhom jinħarġu bil-miktub u jagħtu raġunijiet fil-fatt u fid-dritt kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli."

C. Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali

24 Skont l-Artikolu 76(f) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, "[i]r-rikors […] għandu jinkludi […] jekk ikun il-każ, il-provi u l-provi proposti".

25 L-Artikolu 85 ta' dawn ir-regoli jipprovdi:

"1. Il-provi għandhom jiġu prodotti jew proposti fil-kuntest tal-ewwel skambju ta' noti.

2. Il-partijiet prinċipali jistgħu jipproduċu jew jipproponu provi ġodda insostenn tal-argumenti tagħhom anki fir-replika u fil-kontroreplika, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw għaliex dawn il-provi ġew prodotti jew proposti tard.

3. F'każijiet eċċezzjonali, il-partijiet prinċipali jistgħu jipproduċu jew jipproponu provi ġodda anki qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura jew qabel ma l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li taqta' l-kawża mingħajr il-fażi orali tal-proċedura, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw għaliex dawn il-provi ġew prodotti jew proposti tard.

4. Bla ħsara għad-deċiżjoni li għad tkun trid tingħata mill-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà tal-provi prodotti jew proposti skont il-paragrafi 2 u 3, il-President għandu jagħti lill-partijiet l-oħra l-possibbiltà li jieħdu pożizzjoni dwarhom."

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża

26 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew spjegati fil-punti 2 sa 16 tas-sentenza appellata u jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

27 L-appellanti huma familja ta' ċittadini Sirjani, li waslu fil-gżira ta' Milos (il-Greċja) fid-9 ta' Ottubru 2016 fost grupp ta' refuġjati. Fl-14 ta' Ottubru 2016, huma ġew ittrasferiti f'ċentru ta' akkoljenza u ta' identifikazzjoni l-Greċja, fejn indikaw li xtaqu jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

28 Fl-20 ta' Ottubru 2016, wara operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinata mill-Frontex, l-appellanti ġew ittrasferiti lejn it-Turkija, f'ċentru ta' akkoljenza temporanja fix-xlokk ta' dan il-pajjiż.

29 Fit-2 ta' Novembru 2016, l-awtoritajiet Torok ħarġu lill-appellanti dokumenti ta' protezzjoni temporanja kif ukoll permess tal-ivvjaġġar temporanju sabiex imorru Sanliurfa (it-Turkija). L-appellanti marru jgħixu temporanjament Saruj (it-Turkija), qabel ma marru jgħixu Erbil (l-Iraq).

30 Fl-4 ta' Jannar 2017, l-appellanti ressqu l-ewwel ilment quddiem l-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali tal-Frontex li permezz tiegħu huma sostnew li kienu ntbagħtu lura t-Turkija mill-Greċja minħabba l-operazzjoni ta' ritorn immexxija mill-Frontex. Fl-istess ħin, l-appellanti ppreżentaw rikors kontra r-Repubblika Ellenika quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

31 Fil-15 ta' Frar 2017, dan l-ilment ġie ddikjarat ammissibbli u ntbagħat lid-Direttur Eżekuttiv tal-Frontex kif ukoll lill-Ombudsman Grieg, li mbagħad għaddieh lill-pulizija Griega, u l-appellanti ġew informati b'dan fis-7 ta' Ġunju 2017.

32 Fis-17 ta' Lulju 2018, l-appellanti ressqu t-tieni lment quddiem l-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali dwar it-trattament tal-ewwel ilment tagħhom, li ntbagħtitilhom informazzjoni dwaru fil-25 tal-istess xahar. Fid-9 ta' Awwissu 2018, it-tieni lment tagħhom ġie ddikjarat ammissibbli u ngħaqad mal-ewwel wieħed.

33 Fid-29 ta' Novembru 2018, l-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali informa lill-appellanti lill-Frontex kienet għadha qiegħda tistenna l-eżitu tal-investigazzjoni interna tal-awtoritajiet tal-pulizija Griegi dwar l-ewwel ilment. Fil-25 ta' Novembru 2019, huwa informahom bl-għeluq ta' din l-investigazzjoni minn dawn l-awtoritajiet u bid-deċiżjoni ta' dawn tal-aħħar li ma jittrażmettux ir-rapport dwar l-imsemmija investigazzjoni minħabba n-natura kunfidenzjali tagħha. Fis-6 ta' Ottubru 2020, huwa bagħat lill-appellanti r-rapport finali tiegħu dwar l-ilmenti u għalaq il-proċedura ta' trattament ta' dawn tal-aħħar.

34 Permezz ta' posta elettronika tat-8 ta' Ottubru 2020 indirizzata lill-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali, l-appellanti sostnew li dan ir-rapport finali la kien jindirizza r-rwol tal-Frontex fl-operazzjoni ta' ritorn u lanqas it-tieni lment. Fit-tweġiba tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2020, l-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali indika li l-Frontex kienet osservat l-obbligi tagħha sa fejn għandu x'jaqsam it-trattament tal-ilmenti tagħhom.

35 Fir-rikors tal-appell, l-appellanti, li huma familja magħmula minn żewġ ġenituri u erbat itfal ta' etniċità Kurda, indikaw li huma kienu spjegaw quddiem il-Qorti Ġenerali li, fid-19 ta' Frar 2023, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem approvat dikjarazzjoni ta' ftehim bonarju, iffirmata mill-partijiet, fil-kuntest tar-rikors ippreżentat quddiem din tal-aħħar kontra r-Repubblika Ellenika. Waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huma ppreċiżaw li, b'eżekuzzjoni ta' din id-dikjarazzjoni, ir-Repubblika Ellenika kienet aċċettat li tħallas is-somma ta' EUR 12 500 lil kull appellant għad-dannu materjali u morali tagħhom, jiġifieri total ta' EUR 75 000, kif ukoll is-somma ta' EUR 1 500 għall-ispejjeż.

III. Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

36 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Settembru 2021, ir-rikorrenti issa appellanti fetħu azzjoni għad-danni, fejn talbu l-kumpens għad-danni materjali u morali li huma allegatament ġarrbu minħabba l-allegat aġir illegali tal-Frontex qabel, matul u wara l-operazzjoni kontenzjuża ta' ritorn, li huma stmaw EUR 96 212.55 sa fejn għandhom x'jaqsmu d-danni materjali u EUR 40 000 sa fejn għandhom x'jaqsmu d-danni morali, barra l-interessi.

37 Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, sa fejn għandha x'taqsam l-ammissibbiltà ta' ċerti dokumenti li pproduċew ir-rikorrenti issa appellanti, li, l-ewwel nett, fil-punti 43 sa 46 ta' din is-sentenza, l-Annessi C.1 u C.3 sa C.6 tar-replika kienu inammissibbli, minħabba li ġew ippreżentati tardivament mingħajr raġuni. It-tieni nett, u għall-istess raġuni, fil-punti 49 sa 51 tal-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet id-Dokument E.1, li r-rikorrenti issa appellanti ppreżentaw fis-7 ta' Marzu 2023, jiġifieri jumejn qabel is-seduta.

38 Sa fejn għandu x'jaqsam il-mertu, il-Qorti Ġenerali, wara li rrilevat, fil-punt 53 tas-sentenza appellata, li l-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE huma kumulattivi, iddeċidiet, fil-punt 55 ta' din is-sentenza, li teżamina fl-ewwel lok il-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u l-allegati danni.

39 F'dan ir-rigward, fil-punt 56 tas-sentenza appellata, hija qieset li d-dannu invokat kellu jirriżulta b'mod dirett biżżejjed mill-aġir ikkontestat, peress li dan tal-aħħar kellu jikkostitwixxi l-kawża determinanti tad-dannu, u li ma kienx hemm obbligu li tiġi kkumpensata kull konsegwenza dannuża, imqar remota, ta' sitwazzjoni illegali.

40 L-ewwel nett, hija ddeċidiet, fil-punt 61 tas-sentenza appellata, li l-ispejjeż li sostnew ir-rikorrenti issa appellanti sabiex imorru l-Greċja ma setgħux jirriżultaw direttament mill-aġir li bih hija akkużata l-Frontex, peress li dawn l-ispejjeż kienu ġew sostnuti qabel l-operazzjoni kontenzjuża ta' ritorn.

41 It-tieni nett, fil-punt 62 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-argument tar-rikorrenti issa appellanti dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn in-nuqqasijiet li bihom hija akkużata l-Frontex sa fejn jidħlu l-obbligi tagħha marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest ta' din l-operazzjoni u l-allegati danni l-oħra kien ibbażat fuq premessa żbaljata, jiġifieri li, mingħajr dawn in-nuqqasijiet, ir-rikorrenti issa appellanti ma kinux jitneħħew lejn it-Turkija u kienu jiksbu l-protezzjoni internazzjonali l-Greċja u kienu, għalhekk, jingħataw hemmhekk l-assistenza materjali li huma kien ikollhom dritt għaliha, b'tali mod li ma kinux iġarrbu d-danni kkonċernati.

42 F'dan ir-rigward, fil-punti 64 u 65 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li, skont l-Artikolu 27(1)(a) u (b) u l-Artikolu 28(1) tar-Regolament 2016/1624, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115 u l-Artikolu 2(f), kif ukoll l-Artikoli 4, 6, 8 u 31 tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60), il-missjoni tal-Frontex, fil-kuntest tal-operazzjoni kontenzjuża ta' ritorn, kienet biss li tipprovdi appoġġ tekniku u operazzjonali lill-Istati Membri, u mhux li teżamina l-fondatezza tad-deċiżjonijiet ta' ritorn tal-persuni inklużi f'din l-operazzjoni, billi dawn id-deċiżjonijiet kif ukoll dawk dwar l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali jirriżultaw minn evalwazzjoni li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri.

43 Sussegwentement, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kinitx ġiet stabbilita rabta kawżali diretta fir-rigward, minn naħa, tad-dannu materjali marbut mal-ispejjeż li r-rikorrenti issa appellanti sostnew it-Turkija u l-Iraq, u, min-naħa l-oħra, id-dannu morali li kien jikkonsisti, b'mod partikolari, f'ansjetà dwar it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija, liema titjira hija qieset, barra minn hekk, li kienet, bħala prinċipju, ir-responsabbiltà esklużiva tal-Istat Membru ospitanti, skont l-Artikolu 42(1) u (2) tar-Regolament 2016/1624.

44 Barra minn hekk, fil-punti 67 sa 69 tas-sentenza appellata, billi l-allegat dannu kellu jirriżulta direttament mill-illegalità invokata u mhux mill-għażla ta' rikorrent dwar il-mod kif jirreaġixxi għall-att allegatament illegali, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-allegati danni materjali u morali relatati mal-ispejjeż tal-kiri u tal-għamara f'Saruj, mal-ispejjeż sostnuti sabiex imorru l-Iraq, mad-diversi spejjeż sostnuti mindu marru jgħixu f'dan il-pajjiż, kif ukoll mal-biża' u mas-sofferenza marbuta mal-vjaġġ diffiċli tagħhom lejn dan il-pajjiż tal-aħħar kienu jirriżultaw mill-għażliet tar-rikorrenti issa appellanti.

45 F'dan ir-rigward, fil-punt 68 tas-sentenza appellata, hija qieset, essenzjalment, li, minn naħa, mill-proċess kien jirriżulta li l-fatt li r-rikorrenti issa appellanti marru jgħixu Saruj kien jirriżulta mill-għażla tagħhom li ma joqogħdux għall-istruzzjonijiet fil-permess tal-ivvjaġġar temporanju maħruġ mill-awtoritajiet Torok u, min-naħa l-oħra, mis-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti issa appellanti li l-ħarba tagħhom lejn l-Iraq kienet tirriżulta mill-biża' tagħhom li dawn l-awtoritajiet jibagħtuhom lura s-Sirja talli ma osservawx dawn l-istruzzjonijiet.

46 Fl-aħħar nett, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, meta rappreżentanza minn avukat jew konsulent fil-kuntest ta' proċedura prekontenzjuża ma tkunx obbligatorja, ma jkunx hemm rabta kawżali bejn l-ispejjeż ta' tali rappreżentanza u l-aġir li bih jistgħu jiġu akkużati l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija ddeċidiet li l-allegat dannu materjali relatat mal-ispejjeż ta' assistenza legali li sostnew ir-rikorrenti issa appellanti fil-kuntest tal-ilmenti mressqa quddiem il-Frontex ma setax jiġi direttament imputat lil din tal-aħħar.

47 Bħala konklużjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikorrenti issa appellanti ma kinux ipproduċew il-prova ta' rabta kawżali diretta biżżejjed bejn l-atti li bihom hija akkużata l-Frontex u l-allegati danni, u, konsegwentement, ċaħdet ir-rikors għad-danni fl-intier tiegħu.

IV. It-talbiet tal-partijiet fl-appell

48 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata u, prinċipalment, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali;

– sussidjarjament, tiddikjara fondati l-motivi tar-rikors tagħhom fl-ewwel istanza;

– tikkundanna lill-Frontex għall-ispejjeż sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri tal-ewwel istanza u tal-appell, flimkien mal-interessi.

49 Il-Frontex titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri tal-ewwel istanza u tal-appell.

V. Fuq l-appell

50 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jqajmu erba' aggravji.

51 L-ewwel aggravju, li jikkonċerna essenzjalment il-punti 62 sa 66 tas-sentenza appellata, huwa bbażat, essenzjalment, fuq żbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament għamlet meta kkonstatat li ma teżisti ebda rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u l-allegati danni minħabba l-inklużjoni tal-appellanti fl-operazzjoni ta' ritorn kontenzjuża. Dan l-aggravju fih, essenzjalment, tliet partijiet.

52 It-tieni aggravju, li jikkonċerna wkoll il-punti 62 sa 66 tas-sentenza appellata, huwa bbażat, essenzjalment, fuq żbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament għamlet meta kkonstatat li ma teżisti ebda rabta kawżali bejn l-aġir tal-Frontex u l-allegat dannu morali minħabba ksur ta' drittijiet fundamentali li allegatament sar waqt it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija. Dan l-aggravju fih, essenzjalment, żewġ partijiet.

53 It-tielet aggravju, li fih żewġ partijiet li jikkonċernaw il-punti 67 sa 71 tas-sentenza appellata, huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament għamlet meta kkunsidrat li r-rabta kawżali meħtieġa bejn l-azzjonijiet u l-ommissjonijiet li bihom hija akkużata l-Frontex u ċerti allegati danni kienet inkisret bl-għażliet tar-rikorrenti issa appellanti.

54 Fl-aħħar nett, ir-raba' aggravju, li jikkonċerna l-punti 44 sa 46 tas-sentenza appellata, huwa bbażat fuq żbalji ta' liġi li l-Qorti Ġenerali allegatament għamlet meta kkunsidrat li diversi dokumenti li l-rikorrenti issa appellanti kienu ppreżentaw insostenn tar-rikors tagħhom għad-danni kienu inammissibbli.

A. Fuq it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

55 Permezz tat-tieni u tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u qabel kollox, l-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta naqset milli tiddeċiedi, qabel l-eżami tal-eżistenza ta' rabta kawżali, it-tmien motivi tar-rikors li permezz tagħhom ir-rikorrenti issa appellanti fittxew li jistabbilixxu l-eżistenza ta' irregolaritajiet li kkommettiet il-Frontex, b'mod partikolari t-tmien wieħed minn dawn il-motivi, li jikkonċerna l-eżami tal-ilmenti tagħhom minn din l-aġenzija. L-appellanti jsostnu li dan in-nuqqas affettwa d-dispożittiv tas-sentenza appellata, għaliex, li kieku l-Qorti Ġenerali eżaminat l-imsemmija motivi, hija kien ikollha bilfors tevalwa l-azzjonijiet u l-ommissjonijiet tal-Frontex imsemmija f'dawn tal-aħħar u kienet tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali ta' din l-aġenzija kienu ssodisfatti.

56 Il-Frontex tqis li l-ewwel aggravju huwa inammissibbli fl-intier tiegħu, peress li l-appellanti ma jidentifikawx b'biżżejjed preċiżjoni l-motivi tas-sentenza appellata li jissemmew. Barra minn hekk, it-tieni u t-tielet parti ta' dan l-aggravju huma ineffettivi u, fi kwalunkwe każ, infondati, peress li, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tikkonstata li waħda mit-tliet kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ma hijiex issodisfatta, hija ma tkunx obbligata tevalwa ż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

57 Sa fejn għandha x'taqsam, fl-ewwel lok, l-inammissibbiltà tal-ewwel aggravju mqajjem mill-Frontex, inkwantu, fil-fehma tagħha, l-appellanti ma identifikawx b'biżżejjed preċiżjoni l-motivi tas-sentenza appellata li jissemmew fid-diversi partijiet ta' dan l-aggravju, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-Artikolu 168(1)(d) u mill-Artikolu 169(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li appell għandu jidentifika bi preċiżjoni l-punti tal-motivi kkritikati tad-deċiżjoni li l-annullament tagħha jkun qiegħed jintalab u għandu jindika b'mod preċiż l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba u jekk dan ma jsirx, l-appell jew l-aggravju kkonċernat jiġi ddikjarat inammissibbli (ara d-digriet tas-26 ta' April 1993, Kupka-Floridi vs CES, C-244/92 P, EU:C:1993:152, punti 8 u 9, kif ukoll is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni, C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-15 ta' Lulju 2021, Deutsche Lufthansa vs Il-Kummissjoni, C-453/19 P, EU:C:2021:608, punt 95).

58 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-argumenti li żviluppaw l-appellanti taħt it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju jidhru, fl-intier tagħhom, ċari biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati bil-preċiżjoni meħtieġa l-elementi kkritikati tas-sentenza appellata kif ukoll l-argumenti legali invokati insostenn ta' din il-kritika u sabiex, konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-legalità.

59 Sa fejn għandu x'jaqsam, fit-tieni lok, l-eżami fil-mertu tat-tieni u tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, għandu jitfakkar, preliminarjament, li l-Artikolu 60(3) tar-Regolament 2016/1624 jipprevedi – bħat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE li l-imsemmi l-Artikolu 60(3) jikkonkretizzah – li, fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, il-Frontex għandha tikkumpensa, skont il-prinċipji ġenerali komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, id-danni kkawżati mid-dipartimenti tagħha jew mill-persunal tagħha fil-qadi tad-dmirijiet tagħhom. Konsegwentement, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar din id-dispożizzjoni tat-Trattat FUE hija rilevanti f'dan il-każ.

60 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għandhom jiġu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri li jkun jeżisti ksur serju biżżejjed ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi, li jkun iġġarrab dannu attwali u li jkun jeżisti ksur ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-obbligu tal-awtur tal-att u d-dannu mġarrab mill-persuni leżi (sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 51, kif ukoll tal-5 ta' Marzu 2024, Kočner vs Europol, C-755/21 P, EU:C:2024:202, punt 117 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li meta waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tkunx issodisfatta, ir-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet l-oħra tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, u li l-qorti tal-Unjoni ma hijiex obbligata teżamina l-imsemmija kundizzjonijiet f'ordni partikolari (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, United Parcel Service vs Il-Kummissjoni, C-297/22 P, EU:C:2023:1027, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Konsegwentement, bħala prinċipju, il-Qorti Ġenerali ma għamlet ebda żball meta, minn naħa, iddeċidiet li teżamina, fl-ewwel lok, il-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali, mingħajr ma eżaminat minn qabel it-tmien motivi li permezz tagħhom ir-rikorrenti issa appellanti fittxew li

jistabbilixxu l-eżistenza ta' irregolaritajiet li kkommettiet il-Frontex. Min-naħa l-oħra, peress li minn dan l-eżami hija kkonkludiet li din il-kundizzjoni ma kinitx issodisfatta, hija ma kinitx obbligata teżamina wkoll iż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Frontex, b'mod partikolari dik dwar l-allegata illegalità tal-aġir tagħha, li kienet is-suġġett tat-tmien motivi li l-appellanti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx.

63 Għalhekk, it-tieni u t-tielet parti tal-ewwel aggravju huma infondati.

B. Fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju

64 L-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija bbażata, essenzjalment, fuq ksur, minn naħa, tal-Artikolu 14(2), tal-Artikolu 27(1), tal-Artikolu 28(1), kif ukoll tal-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 34 tar-Regolament 2016/1624 u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament meta l-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx hemm rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u l-allegati danni minħabba l-inklużjoni tal-appellanti fl-operazzjoni kontenzjuża ta' ritorn, inklużjoni li dawn tal-aħħar jallegaw li, fin-nuqqas ta' deċiżjonijiet ta' ritorn adottati fil-konfront tagħhom, hija waħda irregolari.

65 L-ewwel parti tat-tieni aggravju hija bbażata fuq ksur tal-istess dispożizzjonijiet bħal dawk imsemmija fl-ewwel parti tal-ewwel aggravju meta l-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx hemm rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u l-allegati danni minħabba ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom li allegatament sar waqt it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija fil-kuntest tal-operazzjoni ta' ritorn kontenzjuża. Barra minn hekk, din il-parti tat-tieni aggravju ttenni l-kritika li saret taħt l-ewwel parti tal-ewwel aggravju.

66 Peress li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju huma bbażati, essenzjalment, fuq ksur tal-istess dispożizzjonijiet u jikkonċernaw l-istess evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri dik li tinsab fil-punti 62 sa 66 tas-sentenza appellata, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien.

1. L-argumenti tal-partijiet

67 L-ewwel parti tal-ewwel aggravju, li taħtha l-appellanti qegħdin jinvokaw l-illegalità tat-tneħħija tagħhom lejn it-Turkija minħabba l-fatt li l-awtoritajiet Griegi ma adottaw ebda deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tagħhom, fiha żewġ ilmenti.

68 Permezz tal-ewwel ilment, l-appellanti essenzjalment jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli impliċitament żammet li l-Frontex ma kellhiex l-obbligu li tivverifika l-eżistenza ta' tali deċiżjoni.

69 Huma jsostnu li, minn naħa, mill-punti 13 u 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2016/1624 jirriżulta li l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati jadottaw deċiżjoni ta' ritorn bil-miktub qabel ma ċittadin ta' pajjiż terz ikun jista' jitneħħa legalment mit-territorju tagħhom fil-kuntest ta' operazzjoni ta' ritorn u, min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 14(2), mill-Artikolu 27(1) u mill-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 34 ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-Frontex għandha tiżgura ruħha li ma jkunux inklużi persuni f'operazzjoni ta' ritorn li hija tikkoordina jekk huma ma kinux is-suġġett ta' tali deċiżjoni.

70 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta bbażat ruħha fuq il-projbizzjoni tal-Frontex li tindirizza l-fondatezza ta' deċiżjoni ta' ritorn, prevista fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament 2016/1624, sabiex teżentaha minn kull obbligu f'dan ir-rigward.

71 Permezz tat-tieni lment, l-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 5(1) tar-Regolament 2016/1624, liema artikolu jistabbilixxi responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tal-Istat Membru kkonċernat għad-danni mġarrba minn persuni inklużi f'operazzjoni konġunta ta' ritorn minħabba ksur tad-drittijiet fundamentali li jkun sar fil-kuntest ta' din l-operazzjoni.

72 Fl-aħħar nett, permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti essenzjalment isostnu li, kieku l-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni l-obbligu tal-Frontex li tivverifika li huma kienu effettivament is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, hija kien ikollha tikkonstata li teżisti rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u t-trattamenti illegali li huma jallegaw li ġarrbu matul it-titjira ta' ritorn, peress li l-osservanza ta' dan l-obbligu kienet tobbliga lill-Frontex tipprekludi t-tneħħija irregolari tagħhom. Barra minn hekk, huma jtennu l-argumenti tagħhom dwar l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum*.

73 Prinċipalment, il-Frontex issostni li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju u l-ewwel parti tat-tieni aggravju huma inammissibbli. Fil-fatt, l-ewwel nett, dawn huma bbażati fuq il-kontestazzjoni tal-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li kienet teżisti deċiżjoni ta' ritorn. It-tieni nett, l-ilment dwar l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, imressaq fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ partijiet, huwa wieħed ġdid, peress li l-eżistenza ta' tali responsabbiltà ma ġietx invokata quddiem il-Qorti Ġenerali. It-tielet nett, l-appellanti ma identifikawx b'mod preċiż biżżejjed il-motivi tas-sentenza appellata kkonċernati mill-imsemmija partijiet.

74 Sussidjarjament, il-Frontex tikkontesta l-fondatezza ta' dawn il-partijiet.

75 Minbarra li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma kklassifikatx b'mod żbaljat ir-rikors tagħhom fis-sens li huwa dirett kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet Griegi li jirrifjutaw li jagħtuhom protezzjoni internazzjonali u li jordnaw ir-ritorn tagħhom, il-Frontex tqis, l-ewwel nett, li l-appellanti joqogħdu fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/1624 li huma jinvokaw, liema interpretazzjoni tmur kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u l-prinċipju ta' għoti tal-kompetenzi, stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 5 TUE, rispettivament.

76 Fil-fatt, minn naħa, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jimplika li l-Frontex għandha tkun tista' tissopponi b'kunfidenza sħiħa li d-dokumenti pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali, f'dan il-każ lista ta' persuni li huma s-suġġett tal-operazzjoni kontenzjuża ta' ritorn, huma preċiżi, u dan jinkludi preżunzjoni ta' legalità li għandha bħala korollarju l-obbligu li dawn id-dokumenti jiġu rrikonoxxuti bħala ġuridikament validi. Il-Frontex tista' tmeri din il-preżunzjoni biss f'sitwazzjonijiet fejn din l-aġenzija tkun taf b'ċirkustanzi fattwali oġġettivi u ċari biżżejjed li jindikaw il-possibbiltà li d-dokumenti pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali jkunu żbaljati – liema possibbiltà tnissel obbligu ta' verifika. Issa, l-appellanti ma allegawx quddiem il-Qorti Ġenerali li f'dan il-każ kienu jeżistu tali ċirkustanzi fattwali.

77 Min-naħa l-oħra, il-Frontex issostni, essenzjalment, li l-prinċipju ta' għoti tal-kompetenzi jobbligaha tosserva l-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri fir-rigward tal-għoti possibbli ta' protezzjoni internazzjonali u tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ritorn.

78 It-tieni nett, il-Frontex issostni li d-dispożizzjonijiet tal-Karta ma jistgħu jagħtuha ebda kompetenza li hija ma jkollhiex taħt dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni.

79 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* fil-qasam tal-kumpens, il-Frontex tqis, minn naħa, li l-eżistenza ta' tali responsabbiltà ma teżentax lill-appellanti milli jipprovaw, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta – liema rabta huma ma rnexxielhomx jipprovaw. Min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex tippreżupponi l-eżistenza ta' responsabbiltà tal-awtoritajiet Griegi taħt id-dritt Grieg u dan jimplika, għalhekk, li l-Qorti Ġenerali tagħmel evalwazzjoni li taqa' taħt id-dritt nazzjonali u li ma hijiex fil-ġurisdizzjoni tagħha. Għaldaqstant, il-fatt li ma saritx evalwazzjoni f'dan ir-rigward ma jistax jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

a) Fuq l-ammissibbiltà tal-ewwel u tat-tieni lmenti tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju u tal-ewwel parti tat-tieni aggravju

80 Fl-ewwel lok, il-Frontex teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, fl-intier tagħha, u tal-ewwel parti tat-tieni aggravju minħabba li, permezz ta' dawn il-partijiet, l-appellanti qegħdin, fil-fehma tagħha, jikkontestaw konstatazzjoni fattwali tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri l-eżistenza ta' deċiżjoni ta' ritorn adottata mill-awtoritajiet Griegi fil-konfront tagħhom.

81 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument huwa bbażat fuq qari żbaljat tas-sentenza appellata. Fil-fatt, f'din tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali llimitat l-evalwazzjoni tagħha tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Frontex għall-eżami tal-unika kundizzjoni tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir ikkontestat u l-allegat dannu, mingħajr ma ddeċidiet il-kwistjoni jekk l-appellanti kinux is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn.

82 Fit-tieni lok, sa fejn għandu x'jaqsam it-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, li huwa mtenni wkoll, b'mod partikolari, fl-ewwel parti tat-tieni aggravju u li jikkonċerna l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, il-Frontex tikkontesta l-ammissibbiltà tiegħu minħabba n-natura allegatament ġdida tiegħu. Madankollu, l-appellanti jiddikjaraw li huma ppreżentaw quddiem il-Qorti Ġenerali motiv dwar tali responsabbiltà *in solidum* u jirreferu, f'dan ir-rigward, għall-punti 5 u 13 tar-rikors fl-ewwel istanza. Huma jżidu jgħidu, dwar il-mertu, li l-fatt li iktar minn attur wieħed ikun involut fl-okkorrenza ta' dannu ma jeżentax lil parti waħda jew lill-oħra mir-responsabbiltà għall-atti tagħha u li ma huwiex meħtieġ li jkun magħruf jekk ir-Repubblika Ellenika osservatx l-obbligi tagħha stess.

83 Skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell ma jistax ibiddel is-suġġett tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. B'hekk, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell hija limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li tkun ingħatat għall-motivi u għall-argumenti ttrattati fl-ewwel istanza. Għalhekk, parti ma tistax tqajjem għall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja motiv li hija ma tkunx qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali, peress li dan ikun ifisser li din il-parti titħalla tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisdizzjoni tagħha fl-appell hija waħda limitata, b'tilwima usa' minn dik li tkun ħadet konjizzjoni tagħha l-Qorti Ġenerali (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Sigma Alimentos Exterior vs Il-Kummissjoni, C-50/19 P, EU:C:2021:792, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

84 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fiż-żewġ punti tar-rikors fl-ewwel istanza li jirreferu għalihom l-appellanti, dawn tal-aħħar sostnew li huwa possibbli li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Frontex għall-atti tal-membri tal-persunal tagħha stess, b'mod parallel mar-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-atti tal-membri tal-persunal tagħhom stess.

85 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, bħala prinċipju, ir-responsabbiltà *in solidum* timplika li, meta dannu jiġi kkawżat lil terz minħabba l-aġir illegali konġunt ta' diversi persuni, kull waħda minnhom hija obbligata tikkumpensa d-dannu kollu kemm hu, peress li t-terz leż għandu d-dritt li jitlob mingħand kull persuna l-kumpens sħiħ tad-dannu tagħha sakemm dan jiġi kkumpensat totalment, bla ħsara għar-rikors għal konkors ta' responsabbiltà li l-persuna responsabbli li tkun ikkumpensat totalment id-dannu mġarrab tista' tippreżenta kontra kull koresponsabbli ieħor fid-dawl tar-responsabbiltà relattiva tagħhom għad-dannu. Tali sistema ta' responsabbiltà *in solidum* tidderoga mill-prinċipji ġenerali tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2024, Kočner vs Europol, C-755/21 P, EU:C:2024:202, punti 62 u 64).

86 Issa, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li, fil-punti tar-rikors tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali li għalihom huma jirreferu sabiex jikkontestaw in-novità tal-ilment dwar l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, ir-rikorrenti issa appellanti ma allegawx l-eżistenza ta' tali responsabbiltà, li timponi l-obbligu fuq il-Frontex li tikkumpensahom bis-sħiħ għall-konsegwenzi dannużi ta' aġir illegali konġunt tal-membri tal-persunal tagħha u ta' dawk tar-Repubblika Ellenika, ikunu xi jkunu l-konsegwenzi konkreti tan-nuqqasijiet rispettivi tagħhom. Fil-fatt, ir-rikorrenti issa appellanti sempliċement sostnew li kienet skattat ir-responsabbiltà tal-Frontex għad-danni kkawżati mill-aġir żbaljat tad-dipartimenti tagħha jew tal-membri tal-persunal tagħha, b'mod parallel mar-responsabbiltà ta' dan l-Istat Membru għad-danni kkawżati mill-aġir illegali tal-membri tal-persunal tiegħu stess, u li, konsegwentement, kien importanti li d-dmirijiet u l-obbligi tal-Frontex jingħażlu minn dawk tal-Istat Membru, filwaqt li enfasizzaw, kif jagħmlu wkoll fl-istadju tal-appell, li r-responsabbiltà tal-Frontex setgħet tiġi stabbilita indipendentement mill-kwistjoni jekk ir-Repubblika Ellenika kinitx osservat jew le l-obbligi tagħha.

87 Min-naħa l-oħra, għalkemm rikorrent jista' jippreżenta appell billi jressaq, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, aggravji intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza ta' kunsiderazzjonijiet ta' natura ġuridika li jirriżultaw mis-sentenza appellata nnifisha, fis-sens li dawn jikkostitwixxu l-motivi li fuqhom il-Qorti Ġenerali tkun ibbażat uħud mill-evalwazzjonijiet tagħha, ikunu xi jkunu l-argumenti żviluppati quddiemha mill-partijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2007, Stadtwerke Schwäbisch Hall *et* vs Il-Kummissjoni, C-176/06 P, EU:C:2007:730, punt 17, kif ukoll tat-3 ta' Lulju 2025, Il-Parlament vs TC, C-529/23 P, EU:C:2025:521, punt 82), għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, is-sentenza appellata ma fiha ebda silta dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex. Barra minn hekk, huwa eskluż li l-Qorti Ġenerali impliċitament ittrattat din il-kwistjoni. Fil-fatt, din tal-aħħar tikkonċerna d-determinazzjoni tad-dannu li jista' jiġi kkumpensat minn persuna li tkun preċedentement ġiet irrikonoxxuta bħala koawtur ta' dan id-dannu. Din il-kwistjoni hija għalhekk estranja għall-eżami tal-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-allegat nuqqas u l-allegat dannu, li l-Qorti Ġenerali llimitat ruħha għalih fis-sentenza appellata.

88 Konsegwentement, it-tieni lment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, dwar l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, li ġie mtenni wkoll, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, huwa inammissibbli.

89 Fit-tielet u fl-aħħar lok, sa fejn għandha x'taqsam l-inammissibbiltà tal-imsemmija partijiet li eċċepixxiet il-Frontex minħabba n-nuqqas ta' identifikazzjoni preċiża biżżejjed tal-motivi tas-sentenza appellata msemmija f'din il-parti, din għandha tiġi miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk imfissra fil-punt 58 ta' din is-sentenza.

b) Fuq il-fondatezza tal-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju u tal-ewwel parti tat-tieni aggravju

90 Permezz tal-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju u permezz tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-appellanti essenzjalment isostnu li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta injorat l-obbligu li r-Regolament 2016/1624 jimponi fuq il-Frontex li tiżgura ruħha li kull persuna inkluża f'operazzjoni ta' ritorn li hija tikkoordina kienet is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn bil-miktub u dan minkejja li huma kienu ddikjaraw li tali deċiżjoni ma kinitx ittieħdet fil-konfront tagħhom. Minn dan huma jiddeduċu li, kieku ma għamlitx dan l-iżball, il-Qorti Ġenerali kien ikollha tikkonstata l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir tal-Frontex u d-danni li huma jallegaw li ġarrbu, b'mod partikolari minħabba l-mod kif żvolġiet it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija.

91 Quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti issa appellanti kkritikaw lill-Frontex talli kkoordinat operazzjoni konġunta ta' ritorn li fil-kuntest tagħha huma allegatament ġarrbu l-ksur ta' diversi drittijiet fundamentali, liema ksur wassal għal diversi danni ta' natura materjali u morali li għalihom huma talbu kumpens mingħand din l-aġenzija.

92 Sa fejn għandha x'taqsam l-inklużjoni tar-rikorrenti issa appellanti f'din l-operazzjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punti 64 u 65 tas-sentenza appellata, li, minn naħa, l-Artikolu 2(f), kif ukoll l-Artikoli 4, 6, 8 u 31 tad-Direttiva 2013/32, kif ukoll l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115, jagħtu lill-Istati Membri kompetenza esklużiva fir-rigward tal-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u tal-fondatezza tad-deċiżjonijiet ta' ritorn, rispettivament, u, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 27(1)(a) u (b) u l-Artikolu 28(1) tar-Regolament 2016/1624, il-missjoni tal-Frontex hija biss li tipprovdi appoġġ tekniku u operattiv lill-Istati Membri, mingħajr ma tindirizza l-fondatezza tad-deċiżjonijiet ta' ritorn. Minn dan hija kkonkludiet, fil-punt 66 tas-sentenza appellata, li, peress li l-kompetenza f'dak li jikkonċerna kemm l-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali kif ukoll l-evalwazzjoni tal-fondatezza tad-deċiżjonijiet ta' ritorn hija mogħtija lill-Istati Membri, u mhux lill-Frontex, ma setgħetx tiġi stabbilita rabta kawżali diretta bejn l-aġir li bih hija akkużata din l-aġenzija u l-allegati danni materjali relatati mal-ispejjeż li sostnew ir-rikorrenti issa appellanti t-Turkija u l-Iraq kif ukoll l-allegat dannu morali li jikkonsisti, b'mod partikolari, f'ansjetà dwar it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija.

93 Permezz ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali eskludiet għalhekk l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata il-Frontex u d-danni kkonċernati, mingħajr ma ddeċidiet minn qabel il-kwistjoni jekk deċiżjoni ta' ritorn kinitx ġiet adottata fil-konfront tar-rikorrenti issa appellanti, billi qieset li din tal-aħħar ma kinitx rilevanti fid-dawl tal-fatt li l-Frontex ma għandhiex kompetenza sabiex tevalwa l-fondatezza ta' tali deċiżjoni.

94 Issa, ir-rikorrenti issa appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-imsemmija kunsiderazzjonijiet huma vvizzjati bi żball ta' liġi sa fejn ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-obbligi tal-Frontex marbuta mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari fir-rigward tal-osservanza

tal-prinċipju ta' non-refoulement, li abbażi tagħhom din l-aġenzija hija obbligata tiżgura ruħha li l-persuni inklużi f'operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinata mill-Frontex kienu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn.

95 F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta, id-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar huma indirizzati lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-organi tal-Unjoni, b'osservanza tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, u lill-Istati Membri meta dawn jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u b'osservanza tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni hekk mogħtija lilha fit-Trattati.

96 Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 34 tar-Regolament 2016/1624 jirriflettu dawn l-obbligi fir-rigward tal-Frontex u tal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, li, skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, jagħmlu flimkien il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, billi jobbligaw lil din tal-aħħar tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt l-imsemmi regolament, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement. Għal dan il-għan, it-tieni subparagrafu tal-imsemmi paragrafu 1 jipprevedi li l-Frontex għandha tfassal, tiżviluppa u timplimenta strateġija tad-drittijiet fundamentali li tħaddan mekkaniżmu effettiv għall-monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tagħha.

97 Dan l-obbligu li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-qadi tal-funzjonijiet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta taħt ir-Regolament 2016/1624, li għalhekk jaqa', b'mod partikolari, fuq il-Frontex, huwa kkonkretizzat ukoll fir-rigward ta' din l-aġenzija f'diversi dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

98 B'hekk, l-Artikolu 16(2) u (3) tar-Regolament 2016/1624 jipprevedi li, għal kull operazzjoni konġunta fil-fruntieri esterni, id-Direttur Eżekuttiv tal-Frontex għandu jfassal pjan operazzjonali, bi qbil mal-Istat Membru ospitanti u b'konsultazzjoni mal-Istati Membri parteċipanti, li jorbot lill-partijiet kollha involuti f'din l-operazzjoni. Dan il-pjan għandu jispeċifika l-aspetti organizzattivi u proċedurali ta' din tal-aħħar li jitqiesu neċessarji għall-eżekuzzjoni tagħha u li jkun jinkludi b'mod partikolari deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tar-responsabbiltajiet f'dak li għandu x'jaqsam mar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Skont l-Artikolu 22(1) u (3)(b) ta' dan ir-regolament, il-Frontex għandha tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-pjan operazzjonali, b'mod partikolari bl-għajnuna tal-uffiċjali ta' koordinazzjoni maħtura mid-direttur eżekuttiv tagħha, liema uffiċjali jintervjenu fl-aspetti kollha tal-iskjerament tat-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta, u dan billi, b'mod partikolari, jissorveljaw l-implimentazzjoni korretta tal-pjan operazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

99 Sa fejn għandhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, ir-ritorni, l-Artikolu 27(1) u (2) tar-Regolament 2016/1624 jipprevedi, fost l-oħrajn, li, b'rispett tad-drittijiet fundamentali u b'osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u tad-dritt internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u d-drittijiet tat-tfal, il-Frontex għandha tikkoordina fuq il-livell tekniku u operazzjonali l-attivitajiet tal-Istati Membri marbuta mar-ritorn, u għandha tagħti assistenza teknika u operazzjonali lill-Istati Membri li jaffaċċjaw "sfidi" partikolari fir-rigward tas-sistemi ta' ritorn tagħhom, assistenza li tinkludi pariri dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-proċeduri ta' ritorn skont id-Direttiva 2008/115.

100 Fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-operazzjonijiet ta' ritorn, li, skont il-punti 12 u 14 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2016/1624, huma operazzjonijiet ikkoordinati mill-Frontex għar-ritorn ta' persuni li jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn li tosserva d-Direttiva 2008/115, l-Artikolu 28(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi li l-Frontex għandha tagħti, skont din id-direttiva, l-assistenza neċessarja u, fuq talba ta' Stat Membru parteċipanti wieħed jew iktar, għandha tiżgura l-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn.

101 Kif ikkonstatat l-Avukata Ġenerali fil-punt 77 tal-konklużjonijiet tagħha, mid-dispożizzjonijiet kollha msemmija fil-punti 96 u 98 sa 100 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn ikkoordinati mill-Frontex jistgħu jikkonċernaw biss persuni li kienu s-suġġett ta' deċiżjonijiet ta' ritorn individwali eżekuttivi, li l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2008/115 jippreċiża li għandhom jingħataw bil-miktub.

102 Għaldaqstant, fid-dawl tal-obbligi speċifiċi li r-Regolament 2016/1624 jimponi fuq il-Frontex fil-kuntest tal-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, din l-aġenzija hija obbligata tivverifika li tali deċiżjonijiet jeżistu fir-rigward ta' kull persuna li Stat Membru jkollu l-ħsieb li jinkludi f'tali operazzjonijiet, sabiex jiġi ggarantit li dawn tal-aħħar josservaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan ir-regolament kif ukoll id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.

103 Għalhekk, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li l-Frontex ma kellha ebda obbligu sa fejn għandhom x'jaqsmu d-deċiżjonijiet ta' ritorn li għandhom jiġu adottati fil-konfront tal-persuni kkonċernati minn operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinata minn din l-aġenzija, għar-raġuni li l-missjoni tagħha kienet biss li tagħti appoġġ tekniku u operazzjonali lill-Istati Membri, mingħajr ma setgħet tindirizza l-fondatezza tad-deċiżjonijiet ta' ritorn. Fil-fatt, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 79 tal-konklużjonijiet tagħha, il-verifika tal-eżistenza ta' tali deċiżjonijiet hija estranja għal kwalunkwe eżami tal-fondatezza tagħhom u għalhekk ma tnaqqarx il-kompetenza esklużiva li l-Istati Membri għandhom f'dan il-qasam skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115.

104 Barra minn hekk, l-argumenti invokati mill-Frontex sabiex issostni t-teżi li, essenzjalment, hija ma għandha ebda obbligu f'dan ir-rigward ma humiex rilevanti.

105 Minn naħa, il-prinċipju ta' għoti tal-kompetenzi stabbilit fl-Artikolu 5(1) u (2) TUE, li l-Unjoni għandha taġixxi biss fil-limiti tal-kompetenzi li l-Istati Membri tawha fit-Trattati sabiex tilħaq l-għanijiet stabbiliti f'dawn it-trattati, bl-ebda mod ma jiksru l-obbligu tal-Frontex li tivverifika l-eżistenza ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, peress li dan tal-aħħar huwa impost fuqha bir-Regolament 2016/1624 b'osservanza tal-kompetenzi tal-Istati Membri.

106 Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li huwa stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE u speċjalment imfakkar, fil-kuntest tar-Regolament 2016/1624, fl-Artikolu 9 ta' dan tal-aħħar, dwar id-dmir ta' kooperazzjoni leali li għalih huma suġġetti l-Frontex u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri u tar-ritorn, għandu, ċertament, importanza kunsiderevoli fil-kuntest tar-relazzjonijiet bejn din l-aġenzija u dawn l-awtoritajiet nazzjonali fi ħdan il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

107 Madankollu, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-Frontex taħrab l-obbligi speċifiċi li jimponi fuqha r-Regolament 2016/1624 fil-kuntest tal-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, u b'mod partikolari dak li tivverifika li jeżistu deċiżjonijiet ta' ritorn bil-miktub u eżekuttivi għal kull persuna li Stat Membru jkollu

l-ħsieb li jinkludi f'tali operazzjonijiet, sabiex jiġi ggarantit li dawn tal-aħħar josservaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan ir-regolament kif ukoll id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement.

108 Għall-kuntrarju, id-dmir ta' kooperazzjoni leali, inkwantu jaqa' wkoll fuq il-Frontex, jista' jsaħħaħ dawn l-obbligi, u b'mod partikolari jista' jħeġġeġ lil din tal-aħħar issostni lill-Istati Membri talment li dawn jaqdu l-funzjonijiet tagħhom fil-kuntest ta' tali operazzjonijiet b'mod li josserva bis-sħiħ id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari d-drittijiet fundamentali.

109 Barra minn hekk, il-kwistjoni jekk, kif issostni l-Frontex, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali joħloqx preżunzjoni ta' legalità marbuta, fin-nuqqas ta' ċirkustanzi speċjali, mad-dokumenti mibgħuta mill-Istati Membri, ma hijiex rilevanti f'dan il-każ. Fil-fatt, kif ikkonfermat din l-aġenzija waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet Griegi ma kinux ipprovdewlha, qabel l-operazzjoni konġunta ta' ritorn inkwistjoni, lista ta' persuni li kienu s-suġġett ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, iżda kienu bagħtulha biss lista ta' persuni li ma kinux ippreżentaw applikazzjoni għall-ażil. Issa, din il-lista tal-aħħar hija, fiha nnifisha, estranja għall-eżistenza ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115, b'mod li, anki li kellu jitqies li tali dokument jista' jgawdi preżunzjoni ta' legalità, dan ma kienx jippermetti lill-Frontex tippreżumi li l-appellanti kienu s-suġġett ta' deċiżjonijiet ta' ritorn bil-miktub u eżekuttivi.

110 Mill-premess jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punt 66 tas-sentenza appellata, fis-sens li, essenzjalment, ma tista' teżisti ebda relazzjoni kawżali bejn l-aġir tal-Frontex u l-allegati danni msemmija f'dan il-punt tas-sentenza appellata, hija bbażata fuq il-kunsiderazzjoni żbaljata li l-Frontex ma għandha ebda obbligu fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-persuni kollha kkonċernati minn operazzjoni konġunta ta' ritorn ikkoordinata minn din l-aġenzija kinux is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew le.

111 Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-appellanti fl-ewwel parti tat-tieni aggravju, il-fatt li l-Frontex hija marbuta b'obbligu ta' verifika f'dan ir-rigward ma jfissirx li bilfors teżisti rabta kawżali bejn kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu u d-danni kollha jew parti minnhom li l-appellanti jallegaw li ġarrbu.

112 Huwa minnu li l-eżistenza ta' tali rabta kawżali għandha tiġi eżaminata billi jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-obbligu ta' verifika u, b'mod iktar ġenerali, l-obbligi imposti fuq il-Frontex sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn josservaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mir-Regolament 2016/1624 kif ukoll id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Madankollu, dan l-eżami għandu jsir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatti rilevanti kollha, li għandhom jiġu kkonstatati mill-Qorti Ġenerali, u l-evalwazzjonijiet ta' dritt meħtieġa.

113 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha premessi jirriżulta li l-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju huwa fondat u li l-ewwel parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

C. Fuq it-tieni parti tat-tieni aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

114 Permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, l-appellanti jikkritikaw l-evalwazzjoni li għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 66 tas-sentenza appellata fis-sens li r-responsabbiltà għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom li seta' sar waqt it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija taqa' biss fuq ir-Repubblika Ellenika.

115 Huma jsostnu li din l-evalwazzjoni, ibbażata fuq l-Artikolu 42(1) u (2) tar-Regolament 2016/1624, hija żbaljata, peress li, fil-fehma tagħhom, dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw esklużivament ir-responsabbiltà tal-persunal tal-Istat Membru ospitanti "fuq il-livell eżekuttiv inferjuri", u mhux ir-responsabbiltà tal-Frontex għan-nuqqas ta' osservanza, mill-persunal tagħha, tal-obbligi tagħha li jirriżultaw minn dan ir-regolament. Id-dispożizzjoni rilevanti f'dan ir-rigward hija l-Artikolu 60(3) tal-imsemmi regolament, li jikkonċerna r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Frontex għad-danni kkawżati mid-dipartimenti tagħha jew mill-membri tal-persunal tagħha fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom.

116 Fil-fehma tal-appellanti, l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali tal-Artikolu 42(1) u (2) tar-Regolament 2016/1624 trendi bla skop l-Artikoli 16, 22, 25, 26, 28 u 34 ta' dan ir-regolament, l-Artikolu 4 tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Frontex u l-istadji 1 sa 5 tal-proċedura operattiva standard, liema stadji jagħmlu sensiela ta' dispożizzjonijiet li jimponu dmirijiet fuq il-Frontex sabiex jiġi ggarantit kontroll effikaċi tar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Din l-interpretazzjoni tikkomprometti wkoll l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2008/115, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jipprevedu sistema effikaċi ta' kontroll tar-ritorn forzat.

117 Barra minn hekk, l-appellanti jtennu l-ilment dwar l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, kif ifformulat fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju tal-appell.

118 Il-Frontex tqis, l-ewwel nett, li t-tieni parti tat-tieni aggravju hija ineffettiva, peress li l-motivazzjoni li tinsab fil-punt 66 tas-sentenza appellata dwar l-Artikolu 42(1) u (2) tar-Regolament 2016/1624 hija waħda superfluwa.

119 It-tieni nett, l-ilment ibbażat fuq l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* huwa inammissibbli minħabba n-novità tiegħu.

120 Fl-aħħar nett, it-tieni parti tat-tieni aggravju, li fil-kuntest tagħha l-appellanti jtennu argumenti li huma spjegaw fl-ewwel istanza, dwar allegati kompetenzi tal-Frontex sabiex, b'mod partikolari, tivverifika li l-persuni inklużi f'operazzjoni konġunta ta' ritorn kienu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, ma hijiex fondata, peress li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma tahiex tali kompetenzi.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

121 Sa fejn għandha x'taqsam, fl-ewwel lok, in-natura allegatament ineffettiva tat-tieni parti tat-tieni aggravju, mill-punt 110 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fis-sens li kull rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u d-danni allegati mill-appellanti għandha tiġi miċħuda minħabba li din l-aġenzija ma għandha ebda obbligu li tivverifika l-eżistenza ta' deċiżjoni ta' ritorn li tikkonċerna l-persuni inklużi f'operazzjoni konġunta ta' ritorn

ikkoordinata minn din l-aġenzija, hija vvizzjata bi żball ta' liġi. Għaldaqstant, din il-parti, li tikkonċerna żball ta' liġi addizzjonali li l-Qorti Ġenerali allegatament għamlet meta qieset, essenzjalment, li r-responsabbiltà għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali li seta' sar waqt titjira ta' ritorn taqa' esklużivament fuq l-Istat Membru ospitanti, ma hijiex ineffettiva.

122 Sa fejn għandha x'taqsam, fit-tieni lok, it-tennija tal-ilment ibbażat fuq l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, dan tal-aħħar huwa inammissibbli, għar-raġunijiet imfissra fil-punti 83 sa 87 ta' din is-sentenza.

123 Sa fejn għandha x'taqsam, fit-tielet u l-aħħar lok, il-fondatezza tat-tieni parti tat-tieni aggravju, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-aħħar parti tat-tieni sentenza tal-punt 66 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, essenzjalment, li, skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament 2016/1624, it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija kienet, bħala prinċipju, ir-responsabbiltà tal-Istat Membru ospitanti, bla ħsara għall-possibbiltà li dan tal-aħħar jippreżenta rikors, taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, kontra l-Istat Membru ta' oriġini tal-membru ta' tim għad-danni kkaġunati minn negliġenza gravi jew minn nuqqas intenzjonat ta' dan tal-aħħar.

124 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod impliċitu li l-Frontex ma għandha ebda obbligu b'rabta ma' kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali li jkun seta' sar waqt titjira ta' ritorn li sseħħ fil-kuntest ta' operazzjoni konġunta ta' ritorn. Għalhekk, l-okkorrenza ta' tali ksur fl-ebda każ ma tista' tiġi imputata lilha u, għaldaqstant, ma tista' teżisti ebda rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u d-dannu morali li jirriżulta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti li dawn allegatament ġarrbu waqt it-titjira ta' ritorn lejn it-Turkija.

125 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ġustament qieset li l-Artikolu 42(1) tar-Regolament 2016/1624 jistabbilixxi l-prinċipju li, meta timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta joperaw fi Stat Membru ospitanti, dan għandu jitqies responsabbli għal kull dannu kkawżat mill-membri ta' dawn it-timijiet. Din ir-responsabbiltà hija konsistenti mar-regola stabbilita fl-Artikolu 21(1) u fl-Artikolu 40(3) ta' dan ir-regolament, li l-membri tat-timijiet għandhom jirċievu l-istruzzjonijiet tagħhom mill-Istat Membru ospitanti u jistgħu jaqdu funzjonijiet u jeżerċitaw kompetenzi biss fuq l-istruzzjonijiet u, bħala regola ġenerali, fil-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera jew ta' membri tal-persunal tal-Istat Membru ospitanti involuti fil-kompiti relatati mar-ritorn.

126 Madankollu, l-Artikolu 42(1) tar-Regolament 2016/1624 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li r-responsabbiltà tal-Istat Membru ospitanti teskludi, b'mod assolut, kull responsabbiltà tal-Frontex għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali li jista' jsir waqt operazzjoni ta' ritorn.

127 Fil-fatt, skont l-Artikolu 60(3) ta' dan ir-regolament, il-Frontex għandha terfa' r-responsabbiltà mhux kuntrattwali għad-danni kollha kkawżati mid-dipartimenti tagħha jew mill-membri tal-persunal tagħha fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom, u dan skont l-istess prinċipji li jirregolaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Konsegwentement, il-possibbiltà ta' konkors ta' responsabbiltà ma tistax tiġi eskluża *a priori*.

128 F'ċirkustanzi bħal dawk f'dan il-każ, ir-responsabbiltà tal-Frontex tista' tiġi eskluża biss fil-każ li jiġi stabbilit li l-irregolaritajiet invokati jkunu neċessarjament estranji għal kull azzjoni jew għal kull ommissjoni kolpuża tad-dipartimenti jew tal-membri tal-persunal tal-Frontex, jew li n-nuqqasijiet invokati ta' din l-aġenzija ma jkollhom, fi kwalunkwe każ, ebda rabta mal-allegati danni.

129 Madankollu, dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

130 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 96 sa 102 ta' din is-sentenza, ir-Regolament 2016/1624 jimponi dmirijiet fuq il-Frontex sabiex jiġi ggarantit ir-rispett, b'mod partikolari, tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' ritorn ikkoordinati minnha, li jirriżultaw, minn naħa, mill-obbligu ġenerali tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, li l-Frontex tagħmel parti minnha, li tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-qadi tal-funzjonijiet ta' din il-korp taħt dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, mill-obbligu tal-Frontex li tissorvelja b'mod effikaċi r-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tagħha. B'mod partikolari, dawn l-obbligi kollha għandhom jiġu implimentati, b'mod partikolari, permezz tal-pjan operazzjonali previst fl-Artikolu 16 tal-imsemmi regolament, li l-Frontex għandha tfassal għal kull operazzjoni konġunta ta' ritorn u li jorbot lill-partijiet kollha li jintervjenu f'din l-operazzjoni, peress li l-Artikolu 21(1) u (3) tal-istess regolament jippreċiża li l-Istat Membru ospitanti għandu jikkonforma ruħu miegħu fl-istruzzjonijiet li huwa jagħti lit-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta fl-iskjerament tagħhom, taħt il-kontroll tal-uffiċjal ta' koordinazzjoni tal-Frontex.

131 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament 2016/1624, il-Frontex tista', permezz ta' dan l-uffiċjal, tikkomunika lill-Istat Membru ospitanti l-pożizzjoni tagħha dwar l-istruzzjonijiet mogħtija minn dan tal-aħħar. Barra minn hekk, l-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament jippermetti lill-Frontex, waqt operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, tibgħat, apparti uffiċjali ta' koordinazzjoni, esperti mill-persunal tagħha stess.

132 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet jirriżulta li l-Frontex għandha, skont ir-Regolament 2016/1624, sett ta' obbligi intiżi li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż *a priori* li ksur ta' dawn l-obbligi mid-dipartimenti tagħha jew mill-membri tal-persunal tagħha, fil-kuntest ta' operazzjoni partikolari, seta' jikkontribwixxi għall-okkorrenza ta' ksur tad-drittijiet fundamentali waqt titjira ta' ritorn bi ħsara ta' persuni mneħħija. Ma huwiex importanti, f'dan ir-rigward, li, skont l-Artikolu 8(6) tad-Direttiva 2008/115, u kif tfakkar fl-Artikolu 29(4) tar-Regolament 2016/1624, il-monitoraġġ tar-ritorn forzat jaqa' fuq l-Istati Membri. Fil-fatt, skont l-Artikolu 28(1) ta' dan ir-regolament, l-assistenza mogħtija mill-Frontex jew il-koordinazzjoni jew l-organizzazzjoni żgurati minnha għall-operazzjonijiet konġunti ta' ritorn għandhom jingħataw jew jiġu żgurati skont din id-direttiva u, bis-saħħa tal-imsemmi regolament, il-Frontex għandha obbligi ta' kontroll barra dawk li għandhom l-Istati Membri.

133 Barra minn hekk, sa fejn il-membri tal-persunal tal-Frontex jipparteċipaw jew jistgħu jipparteċipaw huma stess f'tali operazzjonijiet, kemm jekk fil-kwalità ta' uffiċjal ta' koordinazzjoni jew bħala esperti mibgħuta fil-kuntest ta' dawn l-operazzjonijiet, lanqas ma jista' jiġi eskluż *a priori* li azzjonijiet jew ommissjonijiet kolpużi ta' dawn il-membri tal-persunal jistgħu jkunu f'rabta kawżali mal-okkorrenza ta' tali ksur tad-drittijiet fundamentali.

134 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha premessi jirriżulta li t-tieni parti tat-tieni aggravju hija fondata.

D. Fuq it-tielet aggravju

135 It-tielet aggravju, li jikkonċerna, essenzjalment, il-punti 67 sa 71 tas-sentenza appellata, fih żewġ partijiet. L-ewwel waħda tikkonċerna l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-allegati danni materjali u morali li għandhom x'jaqsmu mal-fatt li r-rikorrenti issa appellanti marru jgħixu temporanjament it-Turkija u li mbagħad ħarbu lejn l-Iraq, u sussegwentement bdew jgħixu f'dan

il-pajjiż tal-aħħar, ma għandhom ebda rabta kawżali diretta mal-aġir li bih hija akkużata l-Frontex. It-tieni waħda tikkonċerna l-evalwazzjoni simili tal-Qorti Ġenerali dwar id-dannu materjali li allegaw ir-rikorrenti issa appellanti dwar l-ispejjeż ta' assistenza legali relatati mal-ilmenti li huma ressqu quddiem din l-aġenzija.

1. Fuq l-ewwel parti tat-tielet aggravju

a) L-argumenti tal-partijiet

136 Permezz tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, li fiha erba' lmenti, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali għamlet żbalji ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 67 sa 69 tas-sentenza appellata, li d-danni materjali u morali marbuta mal-fatt li marru jgħixu temporanjament it-Turkija u ħarbu lejn l-Iraq kienu konsegwenza tal-għażliet tagħhom stess, u mhux tal-aġir li bih hija akkużata l-Frontex, b'tali mod li r-rikorrenti issa appellanti ma kinux stabbilixxew f'dan ir-rigward l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta biżżejjed bejn l-allegati danni u l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex.

137 L-ewwel nett, l-appellanti jiddikjaraw li l-Qorti Ġenerali applikat ħażin il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rabta kawżali fil-każ ta' aġir negliġenti jew tal-għażla tal-persuna leża. Fil-fatt, il-kontribuzzjoni tal-persuna leża għall-okkorrenza tad-dannu tista' twassal biss għal limitazzjoni tal-kumpens li għandha tħallas l-Unjoni u għalhekk ma tistax titqies li tikser ir-rabta kawżali.

138 It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali għamlet, fil-fehma tagħhom, żball ta' liġi, billi, essenzjalment, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-qagħda vulnerabbli tar-rikorrenti issa appellanti bħala applikanti għall-ażil, kif jeħtieġu l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 4 tal-Karta, meta minn dan il-qagħda vulnerabbli kien jirriżulta li huma ma kellhomx libertà reali ta' għażla fid-deċiżjoni tagħhom li jaħarbu lejn l-Iraq.

139 It-tielet nett, l-appellanti jiddikjaraw li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' għażla tagħhom, il-Qorti Ġenerali għamlet diversi konstatazzjonijiet u evalwazzjonijiet żbaljati fil-fatt.

140 Fl-aħħar u fir-raba' nett, huma jtennu l-ilment dwar l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, kif ifformulat fl-ewwel aggravju u msemmi fil-punti 71 u 72 ta' din is-sentenza.

141 L-ewwel nett, il-Frontex essenzjalment issostni li l-argument li żviluppaw l-appellanti fil-kuntest, b'mod partikolari, tal-ewwel parti tat-tielet aggravju huwa inammissibbli inkwantu fih diversi allegazzjonijiet li permezz tagħhom huma qegħdin ifittxu li jikkontestaw konstatazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali u dan billi jsostnu li d-danni kkonċernati ma humiex il-konsegwenza tal-għażliet tagħhom stess.

142 It-tieni nett, l-ilment ibbażat fuq l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* huwa wkoll inammissibbli minħabba n-novità tiegħu.

143 Fl-aħħar nett, fi kwalunkwe każ, il-Frontex qiegħda tikkontesta l-fondatezza tal-ewwel parti tat-tielet aggravju billi ssostni li l-appellanti qegħdin jinvokaw ġurisprudenza li ma hijiex rilevanti f'dan il-każ, peress li din għandha x'taqsam ma' sitwazzjonijiet li fihom kemm l-Unjoni kif ukoll

il-parti li tkun ġarrbet dannu jkunu kkontribwixxew għall-okkorrenza tad-dannu, u dan meta, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li d-danni kkonċernati kienu ġew ikkawżati esklużivament mill-għażliet tar-rikorrenti issa appellanti.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

144 Fl-ewwel lok, sa fejn għandha x'taqsam l-ammissibbiltà tat-tielet ilment tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-Qorti Ġenerali biss għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tkun tirriżulta mill-atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, u sabiex tevalwa dawn il-fatti. Konsegwentement, l-evalwazzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, CSUE vs KF, C-14/19 P, EU:C:2020:492, punti 103 u 104, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

145 Issa, permezz ta' dan l-ilment, l-appellanti qegħdin jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar in-nuqqas ta' osservanza tal-istruzzjonijiet fil-permess tal-ivvjaġġar temporanju li kienu ħarġulhom l-awtoritajiet Torok u l-biża' tagħhom li dawn l-awtoritajiet ineħħuhom lejn is-Sirja minħabba dan il-ksur. B'dan il-mod, huma qegħdin ifittxu li jikkontestaw ċerti konstatazzjonijiet ta' natura fattwali li jinsabu fis-sentenza appellata, mingħajr ma jinvokaw żnaturament. It-tielet ilment huwa, għalhekk, inammissibbli.

146 Min-naħa l-oħra, ir-raba' lment, ibbażat fuq l-eżistenza ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Frontex u tar-Repubblika Ellenika, huwa wkoll inammissibbli, għar-raġunijiet imfissra fil-punti 83 sa 87 ta' din is-sentenza.

147 Fit-tieni lok, sa fejn għandu x'jaqsam il-mertu tal-ewwel żewġ ilmenti tal-ewwel parti tat-tielet aggravju, għandu jitfakkar li, fil-punti 67 u 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, wara li enfasizzat li l-allegat dannu kellu jirriżulta direttament mill-aġir ikkontestat, iddeċidiet li d-danni marbuta mal-fatt li r-rikorrenti issa appellanti marru jgħixu temporanjament it-Turkija u ħarbu lejn l-Iraq kienu rriżultaw mill-għażliet tagħhom stess. Insostenn ta' din l-evalwazzjoni, hija kkonstatat, minn naħa, li l-fatt li marru jgħixu Saruj kien irriżulta mill-għażla tagħhom li ma joqogħdux għall-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet Torok u, min-naħa l-oħra, li l-ħarba tagħhom lejn l-Iraq kienet irriżultat mill-biża' tagħhom li dawn l-awtoritajiet jibagħtuhom lura s-Sirja minħabba li ma osservawx dawn l-istruzzjonijiet.

148 Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 60 ta' din is-sentenza, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni jeħtieġ li jkun hemm rabta kawżali diretta bejn l-aġir ikkontestat u l-allegat dannu.

149 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tippreċiża li la t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u lanqas il-prinċipji komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri li għalihom jirreferi dan l-artikolu ma jistgħu jiġġustifikaw obbligu li tiġi kkumpensata kull konsegwenza dannuża, imqar jekk remota, tal-att illegali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1979, Dumortier *et* vs Il-Kunsill, 64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, EU:C:1979:223, punt 21).

150 Fil-fatt, in-natura diretta tar-rabta kawżali ma għandhiex tinftiehem b'mod restrittiv, iżda għandha tinftiehem fis-sens li d-dannu għandu jirriżulta b'mod dirett biżżejjed mill-aġir illegali tal-istituzzjonijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 1979, Dumortier *et* vs Il-Kunsill, 64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, EU:C:1979:223, punt 21, kif ukoll tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 61) B'hekk, il-kundizzjoni dwar ir-rabta kawżali bejn l-aġir ikkontestat u l-allegat dannu tikkonċerna l-eżistenza ta' rabta diretta biżżejjed ta' kawża u effett, b'tali mod li l-aġir ikkontestat għandu jkun il-kawża determinanti tal-allegat dannu (sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2018, L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne, C-138/17 P u C-146/17 P, EU:C:2018:1013, punt 22, u tal-5 ta' Settembru 2019, L-Unjoni Ewropea vs Guardian Europe u Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea, C-447/17 P u C-479/17 P, EU:C:2019:672, punt 32).

151 Barra minn hekk, din ir-rabta tista' tinkiser, b'mod partikolari, permezz ta' att tal-persuna leża li jinterponi ruħu bejn l-aġir ikkontestat u l-allegat dannu, kemm-il darba dan l-att ikun jikkostitwixxi l-kawża determinanti ta' dan id-dannu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-419/08 P, EU:C:2010:147, punt 61).

152 Tali att jista' jikkonsisti, fost oħrajn, f'deċiżjoni tal-persuna leża, kemm-il darba, madankollu, din tal-aħħar ma tkunx imġiegħla tieħu din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Schneider Electric, C-440/07 P, EU:C:2009:459, punt 205, u tat-13 ta' Diċembru 2018, L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne, C-138/17 P u C-146/17 P, EU:C:2018:1013, punt 31).

153 B'hekk, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 148 sa 152 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ma għamlet ebda żball ta' liġi meta, minn naħa, qieset, fil-punt 67 tas-sentenza appellata, li l-fatt li l-aġir ikkontestat kien jikkostitwixxi kundizzjoni neċessarja għall-okkorrenza ta' dannu, fis-sens li, fin-nuqqas ta' dan l-aġir, dan tal-aħħar ma kienx iseħħ, ma huwiex biżżejjed sabiex tiġi stabbilita rabta kawżali u, min-naħa l-oħra, eżaminat, f'dan il-każ, il-possibbiltà li r-rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u d-danni kkonċernati kienet inkisret permezz ta' ċerti atti tar-rikorrenti issa appellanti.

154 Madankollu, tali eżami għandu neċessarjament isir *in concreto*, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-persuna leża.

155 B'hekk, għalkemm wieħed jista' jistenna li operaturi ekonomiċi intiżi fil-ġestjoni tar-riskji, li jinvolvi l-eżerċizzju tal-attivitajiet soliti tagħhom, jieħdu deċiżjonijiet kompletament razzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 2009, Il-Kummissjoni vs Schneider Electric, C-440/07 P, EU:C:2009:459, punti 200 sa 206, u tat-13 ta' Diċembru 2018, L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne, C-138/17 P u C-146/17 P, EU:C:2018:1013, punti 23 sa 31), tali aġir ma jistax jiġi elevat għal kriterju ġenerali, b'mod partikolari fil-każ ta' persuni fiżiċi.

156 Dan japplika speċjalment fil-każ ta' membri ta' familja li jkunu ħarbu mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom, li jkunu qegħdin ifittxu protezzjoni internazzjonali u li jħabbtu wiċċhom ma' ċirkustanzi eċċezzjonali u riskji imprevedibbli. Fil-fatt, l-applikanti għall-ażil jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli minħabba l-vjaġġ migratorju tagħhom u l-esperjenzi trawmatiċi li huma setgħu ġarrbu qabel ikunu bdew dan il-vjaġġ (Qorti EDB, 18 ta' Novembru 2021, M.H *et* vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2021:1118JUD001567018, punt 207), u din il-vulnerabbiltà tista' taffettwa l-ġudizzju tagħhom.

157 Għaldaqstant, f'tali sitwazzjoni eċċezzjonali, ir-rabta kawżali bejn l-aġir ikkontestat u l-allegat dannu tista' tissussisti minkejja deċiżjoni tal-parti leża li tkun interponiet ruħha bejn dan l-aġir u dan id-dannu meta din id-deċiżjoni, għad illi ma tkunx l-unika reazzjoni possibbli, tista' titqies li hija reazzjoni raġonevoli fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha li jkunu kkaratterizzaw din is-sitwazzjoni.

158 Din il-konklużjoni tapplika iktar u iktar f'sitwazzjoni fejn l-applikanti għall-ażil ikunu ttieħdu f'pajjiż fejn ikun jeżisti riskju konkret li jinkiser il-prinċipju ta' non-refoulement.

159 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti issa appellanti allegaw quddiem il-Qorti Ġenerali li d-deċiżjoni tagħhom li jmorru Erbil kienet immotivata mill-biża' li l-awtoritajiet Torok jibagħtuhom lura s-Sirja u dan minħabba l-mod kif interpretaw il-liġi u l-prassi Torka li ċ-ċittadini Sirjani li jkunu qegħdin ifittxu protezzjoni internazzjonali jintbagħtu lura s-Sirja, bi ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement, fatt li huma ttantaw jistabbilixxu b'perizja ċċitata fir-rikors tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, li hija esklużivament din tal-aħħar li tista' tevalwaha.

160 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kklassifikat id-deċiżjonijiet li ħadu r-rikorrenti issa appellanti wara li tkeċċew lejn it-Turkija bħala "għażla tagħhom" mingħajr ma għamlet ebda eżami *in concreto* tal-kuntest li fih saret din l-għażla – b'mod partikolari is-sitwazzjoni familjari tagħhom, il-qagħda vulnerabbli tagħhom u r-riskju li possibbilment jitkeċċew lejn is-Sirja –, sabiex jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl ta' dan il-kuntest, dawn id-deċiżjonijiet setgħux jitqiesu raġonevoli.

161 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 69 tas-sentenza appellata, li d-danni kkonċernati ma setgħux jitqiesu li jirriżultaw direttament mill-aġir li biha hija akkużata l-Frontex minħabba għażliet li għamlu r-rikorrenti issa appellanti wara l-operazzjoni kontenzjuża ta' ritorn mingħajr ma evalwat *in concreto* n-natura raġonevoli ta' dawn l-għażliet fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha li kkaratterizzaw il-kuntest li fih dawn tal-aħħar seħħew.

162 Għaldaqstant, it-tieni lment tal-ewwel parti tat-tielet aggravju huwa fondat u l-ewwel parti għandha, mill-bqija, tiġi miċħuda bħala inammissibbli jew infondata.

2. Fuq it-tieni parti tat-tielet aggravju

a) L-argumenti tal-partijiet

163 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, li kienet l-għażla tagħhom li jiġu assistiti minn avukati fil-kuntest tal-ilmenti mressqa quddiem il-Frontex, b'tali mod li ma kien hemm ebda rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u l-ispejjeż relatati ma' din l-assistenza. Fil-fatt, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, l-imsemmija assistenza kienet neċessarja fil-fehma tagħhom, peress li l-appellanti ma humiex ċittadini tal-Unjoni, ma jistgħux jikkomunikaw b'ebda waħda mil-lingwi uffiċjali ta' din tal-aħħar u kienu sabu ruħhom f'qagħda partikolarment vulnerabbli.

164 L-appellanti jżidu jgħidu li l-Qorti Ġenerali kellha tqis li l-imsemmija spejjeż ta' assistenza legali kienu ġew ikkawżati, tal-inqas fil-parti l-kbira tagħhom, mit-trattament negliġenti li l-Frontex tat lill-ilmenti tagħhom minħabba d-dewmien fl-eżami ta' dawn tal-aħħar u l-ineffettività tal-mekkaniżmu tal-ilmenti u dan bi ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dritt tagħhom għal rimedju effettiv kif ukoll tal-Artikolu 72 tar-Regolament 2016/1624.

165 Il-Frontex tqis li din il-parti hija inammissibbli, peress li l-kwistjoni jekk rappreżentanza legali fil-kuntest tal-ilmenti mressqa quddiem il-Frontex kinitx waħda neċessarja jew le hija evalwazzjoni fattwali, li ma tistax tiġi eżaminata fl-istadju ta' appell.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

166 Permezz tat-tieni parti tat-tielet aggravju, l-appellanti essenzjalment jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli evalwat ħażin in-neċessità, għalihom, li jiġu assistiti minn avukati fil-kuntest tal-ilmenti li huma ressqu quddiem il-Frontex, fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-ilmenti previst fl-Artikolu 72 tar-Regolament 2016/1624, u, għaldaqstant, ir-rabta kawżali bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom imputabbli lil din l-aġenzija u d-dannu li jirriżulta mill-ispejjeż ta' din l-assistenza.

167 Fil-punt 70 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, meta rappreżentanza minn avukat jew konsulent fil-kuntest ta' proċedura prekontenzjuża ma tkunx waħda obbligatorja, tkun nieqsa r-rabta kawżali bejn l-allegat dannu, jiġifieri l-ispejjeż ta' tali rappreżentanza, u l-aġir li bih jistgħu jiġu akkużati l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernati. Peress li l-użu tal-pariri ta' avukat jaqa', f'dan il-kuntest, fl-iskop tal-għażla tal-persuna kkonċernata, dan ma jistax jiġi imputat lill-istituzzjoni jew lill-korp inkwistjoni.

168 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ispejjeż ta' parir ta' avukat fl-istadju ta' lment amministrattiv jew fil-kuntest ta' denunzji lill-Ombudsman Ewropew, rispettivament, għandhom jingħażlu mill-onorarji tal-avukat sostnuti fil-proċedura kontenzjuża (sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Herpels vs Il-Kummissjoni, 54/77, EU:C:1978:45, punt 45, u tat-28 ta' Ġunju 2007, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, C-331/05 P, EU:C:2007:390, punt 25).

169 Madankollu, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi msemmija fil-punt ta' qabel, li l-assistenza ta' avukat kienet tirriżulta mill-"għażla" (sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Herpels vs Il-Kummissjoni, 54/77, EU:C:1978:45, punt 48) jew mill-"għażla libera" tal-partijiet ikkonċernati (sentenza tat-28 ta' Ġunju 2007, Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni, C-331/05 P, EU:C:2007:390, punt 27), din il-kunsiderazzjoni għandha ssir fid-dawl tal-karatteristiċi ta' kull waħda minn dawn il-proċeduri, u mhux abbażi ta' għarfien bażiku tal-ilmenti amministrattivi jew tal-metodi alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim.

170 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li l-mekkaniżmu tal-ilmenti previst fl-Artikolu 72 tar-Regolament 2016/1624 ma huwiex dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni intiż li jelimina l-każijiet ta' amministrazzjoni ħażina f'isem l-interess ġenerali. Għall-kuntrarju, skont l-Artikolu 72(2) u (3) ta' dan ir-regolament, dan il-mekkaniżmu huwa aċċessibbli biss għall-persuni direttament affettwati mill-azzjonijiet tal-persunal li jipparteċipa, fost oħrajn, f'operazzjoni ta' ritorn u li jqisu li dawn l-azzjonijiet ippreġudikaw b'mod konkret id-drittijiet fundamentali tagħhom.

171 It-tieni nett, għalkemm l-uffiċjal tad-drittijiet fundamentali għandu jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'mod indipendenti, huwa għandu jagħmel dan fil-qafas tal-organizzazzjoni tal-Frontex. Barra minn hekk, huwa jiġi adit minn persuna li ssib ruħha, kif indikat fil-punt 156 ta' din is-sentenza, f'qagħda vulnerabbli partikolari, u dan, f'ċirkustanzi bħal dawk f'dan il-każ, sabiex tirrapporta ksur konkret ta' dritt fundamentali kkawżat mill-azzjoni tal-persunal tal-Frontex stess.

172 It-tielet nett, il-mekkaniżmu tal-ilmenti stabbilit fl-Artikolu 72 tar-Regolament 2016/1624 ma jiggarantixxix li l-lanjant ser jibbenefika, f'xi waqt jew ieħor, mill-garanziji assoċjati mad-dritt għal rimedju effettiv, fosthom id-dritt għal parir legali, għal difiża u għal rappreżentanza, iggarantit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. Għall-kuntrarju tal-proċedura ta' lment amministrattiv inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Herpels vs Il-Kummissjoni (54/77, EU:C:1978:45), il-mekkaniżmu ta' trattament tal-ilmenti ma huwiex, kif jirriżulta mill-premessa 50 ta' dan ir-regolament, prerekwiżit għall-eżerċizzju ta' rimedju ġudizzjarju.

173 Mill-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 167 sa 172 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, meta ddeċidiet li, bħala prinċipju, fejn ir-rappreżentanza minn avukat jew minn konsulent fil-kuntest ta' proċedura prekontenzjuża ma tkunx waħda obbligatorja, tkun nieqsa r-rabta kawżali bejn l-ispejjeż ta' tali rappreżentanza u l-aġir li bih jistgħu jiġu akkużati l-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernati.

174 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tielet aggravju hija fondata.

E. Fuq ir-raba' aggravju

1. L-argumenti tal-partijiet

175 Permezz tar-raba' aggravju, li jikkonċerna l-punti 44 sa 46 tas-sentenza appellata, l-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali, billi ċaħdet bħala inammissibbli ċerti dokumenti li huma pproduċew fl-ewwel istanza, jiġifieri l-Annessi C.1 u C.3 sa C.6 tar-replika u d-Dokument E.1, kisret l-Artikolu 85(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha u l-prinċipju ta' kontradittorju.

176 Huma jsostnu li l-imsemmi Artikolu 85(2) ma jikkonċernax il-provi ġodda u l-amplifikazzjoni tal-provi proposti peress li dawn jiġu prodotti b'risposta għall-argumenti mressqa mill-kontroparti fir-risposta tagħha. Dan huwa *a fortiori* l-każ meta jkun hemm dokument pubblikament aċċessibbli li fuqu l-appellanti jkunu bbażaw l-argumenti tagħhom u li s-saħħa probatorja tiegħu tkun ġiet ikkontestata mill-Frontex fir-risposta tagħha. B'hekk, il-Qorti Ġenerali kellha tikkunsidra li l-Annessi C.1 u C.4 sa C.6 tar-replika kienu jikkostitwixxu "provi kuntrarji" u li l-Anness C.3 tar-replika kien "amplifikazzjoni" tal-provi proposti. Fir-rigward tad-Dokument E.1, minkejja li ġie ppreżentat wara għeluq il-fażi bil-miktub tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali kellha tikkonstata li l-produzzjoni tiegħu ma setgħetx tippreġudika d-drittijiet tad-difiża tal-Frontex peress li dan kien dokument li joriġina minn din l-aġenzija.

177 Il-Frontex issostni, l-ewwel nett, li r-raba' aggravju huwa ineffettiv, peress li l-appellanti jindikaw fil-kuntest tiegħu li l-fatt jekk id-dokumenti kkonċernati jkunux iddaħħlu jew le fil-proċess tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma kellu ebda effett fuq l-eżitu tar-rikors tagħhom għad-danni.

178 It-tieni nett, il-Frontex tqis li dawn id-dokumenti ma kinux jikkostitwixxu provi kuntrarji u tenfasizza li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti issa appellanti ma kinux iġġustifikaw il-produzzjoni tal-imsemmija dokumenti fl-istadju tar-risposta.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

179 Sa fejn għandha x'taqsam, fl-ewwel lok, in-natura allegatament ineffettiva tar-raba' aggravju, għandu jiġi kkonstatat li l-opinjoni tal-appellanti li d-dokumenti kkonċernati ma kinux determinanti għall-eżitu tar-rikors tagħhom għad-danni ma taffettwax id-dritt tagħhom li jipproduċuhom quddiem il-Qorti Ġenerali, kemm-il darba dawn ikunu ammissibbli. Fil-fatt, dan id-dritt ma huwiex marbut man-neċessità oġġettiva tagħhom għad-dibattitu, peress li kull parti hija libera li tevalwa l-utilità tad-dokumenti li hija tkun biħsiebha tippreżenta sabiex issostni l-pożizzjoni tagħha jew sabiex tagħti kjarifika lill-Qorti Ġenerali. Konsegwentement, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Frontex, dan l-aggravju ma huwiex ineffettiv.

180 Sa fejn għandha x'taqsam, fit-tieni lok, il-fondatezza ta' dan l-aggravju, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 76(f) u l-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jistabbilixxu r-regola li l-partijiet għandhom jipproduċu l-fajl tal-provi jew jifformulaw il-provi proposti tagħhom fl-istadju tal-ewwel skambju ta' noti, jiġifieri fl-istadju tar-rikors u tar-risposta. Din hija regola ta' dekadenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 2020, BP vs FRA, C-669/19 P, EU:C:2020:713, punt 41, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair u Airport Marketing Services vs Il-Kummissjoni, C-758/21 P, EU:C:2023:917, punt 43).

181 Dawn id-dispożizzjonijiet jieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ta' kontradittorju u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, kif ukoll id-dritt għal smigħ xieraq. Fil-fatt, dawn jeħtieġu li l-partijiet l-oħra jiġu informati bil-provi prodotti insostenn tal-argumenti difiżi u huma intiżi li jippermettulhom iħejju difiża jew replika effettiva, skont l-imsemmija prinċipji u l-imsemmi dritt. Barra minn hekk, ir-rekwiżit li l-produzzjoni tal-provi u l-proposta tal-provi jsiru fl-ewwel stadju tal-proċedura huwa wkoll iġġustifikat b'għan ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, inkwantu jippermetti li l-proċessi tal-kawżi jitħejjew malajr kemm jista' jkun u li l-kawżi jiġu ttrattati fi żmien raġonevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' April 2005, Gaki-Kakouri vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-243/04 P, EU:C:2005:238, punt 30, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair u Airport Marketing Services, C-758/21 P, EU:C:2023:917, punt 41).

182 Madankollu, b'deroga mir-regola ta' prinċipju stabbilita fl-Artikolu 76(f) u fl-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu 85 jawtorizza lill-partijiet jipproduċu provi jew jipproponu provi matul it-tieni skambju ta' noti, bil-kundizzjoni li d-dewmien fil-produzzjoni ta' dawn il-provi jew fil-proposta tagħhom jkun iġġustifikat.

183 L-imsemmi paragrafu 2 jirrifletti għalhekk ir-rekwiżit ta' smigħ xieraq u, b'mod iktar speċifiku, li jiġu protetti d-drittijiet tad-difiża tal-parti li tkun biħsiebha tipproduċi jew tipproponi ċerti provi f'dan l-istadju, peress li din il-produzzjoni tista' tiġi ġġustifikata, b'mod partikolari, bil-fatt li din il-parti ma setax ikollha l-provi inkwistjoni qabel jew bin-neċessità li tikkompleta l-proċess fil-każ li l-kontroparti tipproduċi xi dokumenti tardivament, b'mod li tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' April 2005, Gaki-Kakouri vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-243/04 P, EU:C:2005:238, punt 33, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair u Airport Marketing Services, C-758/21 P, EU:C:2023:917, punti 42 u 43).

184 Billi d-dewmien fil-produzzjoni jew fil-proposta tal-provi għandu jiġi ġġustifikat, il-Qorti Ġenerali għandha s-setgħa li tistħarreġ il-fondatezza tar-raġuni għal dan id-dewmien kif ukoll, skont il-każ, il-kontenut ta' dawn il-provi jew ta' dawn il-provi proposti u, jekk ikun il-każ, li twarrabhom jekk il-produzzjoni tardiva tagħhom ma tkunx iġġustifikata b'mod suffiċjenti fid-dritt jew ma tkunx

fondata (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Settembru 2020, BP vs FRA, C-669/19 P, EU:C:2020:713, punt 33, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair u Airport Marketing Services vs Il-Kummissjoni, C-758/21 P, EU:C:2023:917, punt 43).

185 Huwa b'eċċezzjoni, kemm għar-regola ta' prinċipju stabbilita fl-Artikolu 76(f) u fl-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll għad-deroga kif iddefinita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu 85, li l-paragrafu 3 tal-imsemmi Artikolu 85 jawtorizza lill-partijiet jipproduċu jew jipproponu wkoll provi fi stadju sussegwenti, jiġifieri qabel għeluq il-fażi orali tal-proċedura jew qabel ma l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li taqta' l-kawża mingħajr il-fażi orali tal-proċedura, dejjem bil-kundizzjoni li d-dewmien f'din il-produzzjoni jkun iġġustifikat. Il-kunsiderazzjonijiet imfissra fil-punti 183 u 184 ta' din is-sentenza japplikaw *a fortiori* għall-provi prodotti u proposti f'dan l-istadju sussegwenti, peress li l-ammissjoni tagħhom tippreżupponi l-fatt li tkun intweriet l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' April 2005, Gaki-Kakouri vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-243/04 P, EU:C:2005:238, punt 33, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair u Airport Marketing Services, C-758/21 P, EU:C:2023:917, punt 44).

186 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha premessi jirriżulta li hija preċiżament l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 85 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali li tippermetti li tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipji ta' kontradittorju jew ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, kif ukoll tad-dritt għal smigħ xieraq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair u Airport Marketing Services, C-758/21 P, EU:C:2023:917, punt 45).

187 F'dan il-każ, sa fejn għandhom x'jaqsmu, minn naħa, l-Annessi C.1 u C.3 sa C.6 tar-replika, mill-punt 42 tas-sentenza appellata jirriżulta li dawn tal-aħħar kienu dokumenti pubbliċi li jippreċedu l-preżentata tar-rikors, ħlief traduzzjoni ta' dikjarazzjoni mingħajr data ta' wieħed mill-appellanti u ta' "opinjoni esperta", li hija, fil-fatt, parir legali li ngħata apposta fil-kuntest tal-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali.

188 Fil-punt 45 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali mmotivat l-inammissibbiltà ta' dawn l-annessi billi ddeċidiet, essenzjalment, li l-iskoperta fil-mori tal-kawża tas-suppost rilevanza ta' dokumenti partikolari ma hijiex raġuni valida sabiex tiġi ġġustifikata l-produzzjoni tardiva tagħhom peress li dawn id-dokumenti huma intiżi li jistabbilixxu fatti allegati fir-rikors u li l-parti l-kbira tagħhom seħħew qabel dan tal-aħħar.

189 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali applikat tajjeb l-Artikolu 85(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Fil-fatt, meta l-preżentazzjoni ta' dokument, li ssir abbażi ta' din id-dispożizzjoni, issir tardivament minħabba li kontroparti tipproduċi prova jew tagħmel allegazzjoni, il-ġustifikazzjoni ta' tali dewmien, li teħtieġ l-imsemmija dispożizzjoni sabiex tapplika d-deroga prevista fiha, timplika li l-parti li tippreżenta dan id-dokument għandha tiddetermina liema hija din il-prova jew din l-allegazzjoni li kontroparti tkun ipproduċiet jew għamlet li suppost tagħmel il-preżentazzjoni tardiva ta' dan id-dokument waħda neċessarja, u dan b'biżżejjed preċiżjoni, sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tistħarreġ din il-ġustifikazzjoni, kif hija marbuta tagħmel.

190 Issa, f'dan il-każ, mill-punt 41 tas-sentenza appellata jirriżulta li, sabiex jiġġustifikaw il-produzzjoni tardiva tal-annessi inkwistjoni, ir-rikorrenti issa appellanti kienu sostnew, fis-seduta, li dawn saru rilevanti wara li saru jafu bl-argument żviluppat mill-Frontex fir-risposta. Madankollu, mill-eżami tar-replika fl-ewwel istanza tar-rikorrenti issa appellanti jirriżulta li dawn ma ppreċiżawx l-allegazzjonijiet tal-Frontex li kienu jiġġustifikaw il-preżentazzjoni tal-imsemmija dokumenti.

191 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet u tal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 180 sa 186 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali la kisret il-prinċipju ta' kontradittorju u lanqas id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti issa appellanti meta eskludiet l-Annessi C.1 u C.3 sa C.6 tar-replika tagħhom minħabba li d-dewmien fil-produzzjoni tagħhom ma kienx ġie ġġustifikat b'mod suffiċjenti fid-dritt.

192 Min-naħa l-oħra, sa fejn għandu x'jaqsam id-Dokument E.1, li ġie prodott jumejn qabel is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali, mill-punti 47 u 50 tas-sentenza appellata jirriżulta li dan kien dokument li l-Frontex kienet bagħtet lir-rikorrenti issa appellanti qabel il-preżentata tar-rikors tagħhom, peress li dawn tal-aħħar kienu spjegaw li n-nuqqas ta' produzzjoni ta' dan id-dokument fl-istadju tar-rikors kien kaġun ta' nuqqas ta' attenzjoni – ħaġa li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma kinitx raġuni valida li tiġġustifika l-produzzjoni tardiva tiegħu.

193 Issa, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 185 ta' din is-sentenza, tali raġuni ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni li jiġġustifikaw il-preżentazzjoni ta' dokument taħt l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, din tal-aħħar applikat tajjeb din id-dispożizzjoni billi warrbet id-Dokument E.1.

194 L-argument tar-rikorrenti issa appellanti li l-preżentazzjoni ta' dan id-dokument ma setgħetx tippreġudika d-drittijiet tad-difiża tal-Frontex, peress li l-imsemmi dokument kien joriġina minn din l-aġenzija, huwa irrilevanti f'dan ir-rigward.

195 Fil-fatt, minn naħa, mill-Artikolu 85 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma jistax jiġi dedott li din tal-aħħar hija, bħala prinċipju, marbuta li taċċetta d-dokumenti prodotti tardivament sakemm ma tikkonstatax li, sabiex jiġu żgurati r-rispett ta' ċerti drittijiet jew l-osservanza ta' prinċipji ġenerali, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża tal-kontroparti, ikun neċessarju li dawn jiġu miċħuda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair u Airport Marketing Services, C-758/21 P, EU:C:2023:917, punt 46), peress li l-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jistabbilixxi regola ta' dekadenza bbażata fuq il-prinċipju invers, li d-dokumenti għandhom jiġu prodotti fl-istadju tal-ewwel skambju ta' sottomissjonijiet bil-miktub. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punt 181 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 85(1) ta' dawn ir-Regoli tal-Proċedura ma huwiex biss intiż li jippermetti lill-kontroparti tħejji difiża jew replika effettiva, iżda jfittex ukoll li jilħaq għan ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

196 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li r-raba' aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

197 Fid-dawl tan-natura fondata tal-ewwel ilment tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, tat-tieni parti tat-tieni aggravju, tat-tieni lment tal-ewwel parti tat-tielet aggravju u tat-tieni parti tat-tielet aggravju, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata sa fejn, permezz tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tar-rikorrenti issa appellanti għad-danni minħabba n-nuqqas ta' rabta kawżali diretta biżżejjed bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u l-allegati danni, ħlief id-dannu relatat mal-ispejjeż li sostnew ir-rikorrenti issa appellanti sabiex imorru l-Greċja, għar-raġuni, essenzjalment:

– li, l-ewwel nett, fil-kuntest tal-funzjonijiet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, ir-Regolament 2016/1624 ma jimponi ebda obbligu fuq il-Frontex sa fejn għandhom x'jaqsmu d-deċiżjonijiet ta' ritorn li għalihom għandhom ikunu suġġetti l-persuni inklużi f'operazzjoni konġunta ta' ritorn,

– li, it-tieni nett, fl-istess kuntest, kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali li jista' jseħħ matul titjira ta' ritorn jaqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-Istat Membru ospitanti, b'esklużjoni ta' kwalunkwe responsabbiltà tal-Frontex,

– li, it-tielet nett, l-għażliet tar-rikorrenti issa appellanti, dwar il-fatt li marru jgħixu temporanjament it-Turkija, ħarbu lejn l-Iraq u marru jgħixu f'dan il-pajjiż tal-aħħar, kienu kisru kull rabta kawżali diretta biżżejjed bejn l-aġir li bih hija akkużata l-Frontex u l-allegati danni, mingħajr ma għamlet evalwazzjoni *in concreto* tar-raġonevolezza ta' dawn l-għażliet fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha li kkaratterizzaw il-kuntest konkret li fih saret din l-għażla, u,

– li, ir-raba' nett, meta r-rappreżentanza minn avukat jew konsulent fil-kuntest ta' proċedura prekontenzjuża ma tkunx waħda obbligatorja, tkun, bħala prinċipju, nieqsa r-rabta kawżali bejn l-ispejjeż ta' tali rappreżentanza u l-aġir li jistgħu jiġu akkużati bih l-istituzzjoni jew il-korp.

VI. Dwar ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

198 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-każ li tiġi annullata d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, taqta' definittivament hija stess il-kawża, meta din tal-aħħar tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni.

199 F'dan il-każ, peress li l-Qorti Ġenerali ma ddeċidietx il-parti l-kbira tal-motivi tar-rikorrenti issa appellanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija ma tistax tiddeċiedi fuq il-mertu.

200 Konsegwentement, il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

VII. Fuq l-ispejjeż

201 Peress li l-kawża ntbagħtet lura quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż relatati ma' dan l-appell għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Settembru 2023, WS *et* vs Frontex (T-600/21, EU:T:2023:492), hija annullata ħlief fejn, minn naħa, ċaħdet bħala inammissibbli l-Annessi C.1 u C.3 sa C.6 tar-replika u d-Dokument E.1 ippreżentat minn WS, WT, WY, WZ, YA u YB u fejn, min-naħa l-oħra, ikkonstatat in-nuqqas ta' rabta kawżali bejn l-aġir li bih ġiet akkużata l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u d-danni allegati minn WS, WT, WY, WZ, YA u YB sa fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż li dawn tal-aħħar sostnew sabiex imorru l-Greċja.

2) Il-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Firem